

Il-Ġurnal Uffiċjali C 203

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 65

20 ta' Mejju 2022

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2022/C 203/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10710 — SELFINVEST / LLG / SELECTED CAR GROUP JV) ⁽¹⁾	1
---------------	--	---

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2022/C 203/02	Rata tal-kambju tal-euro — Id-19 ta' Mejju 2022	2
---------------	---	---

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Parlament Ewropew

2022/C 203/03	Sejħa għal proposti (Nru IX-2023/02) — “GĦOTJIET LILL-FONDAZZJONIJIET POLITIĊI EWROPEJ”	3
2022/C 203/04	Sejħa għal kontribuzzjonijiet (Nru IX-2023/01) — “KONTRIBUZZJONIJIET LILL-PARTITI POLITIĊI EWROPEJ”	17

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

Il-Kummissjoni Ewropea

2022/C 203/05	Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni ta' approvazzjoni ta' emenda standard għall-Ispesifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid, kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/33	30
2022/C 203/06	Pubblikazzjoni tad-Dokument Uniku emendat wara l-approvazzjoni ta' emenda minuri skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012	44

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Il-Każ M.10710 — SELFINVEST / LLG / SELECTED CAR GROUP JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 203/01)

Fit 11 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Dan is-sit web jipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fis-sit web EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32022M10710. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

Id-19 ta' Mejju 2022

(2022/C 203/02)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,0525	CAD	Dollaru Kanadiż	1,3490
JPY	Yen Ġappuniż	134,46	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,2594
DKK	Krona Daniża	7,4423	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6551
GBP	Lira Sterlina	0,84728	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,4576
SEK	Krona Żvediża	10,5098	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 343,21
CHF	Frank Żvizzeru	1,0265	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	16,8315
ISK	Krona İzlandiża	139,50	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,1028
NOK	Krona Norveġiża	10,3102	HRK	Kuna Kroata	7,5395
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	15 416,76
CZK	Krona Ċeka	24,700	MYR	Ringgit Malażjan	4,6363
HUF	Forint Ungeriż	385,83	PHP	Peso Filippin	55,140
PLN	Zloty Pollakk	4,6423	RUB	Rouble Russu	
RON	Leu Rumun	4,9474	THB	Baht Tajlandiż	36,343
TRY	Lira Turka	16,8037	BRL	Real Brażiljan	5,2094
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5036	MXN	Peso Messikan	21,0043
			INR	Rupi Indjan	81,7115

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-PARLAMENT EWROPEW

Sejħa għal proposti (Nru IX-2023/02)

“GĦOTJIET LILL-FONDAZZJONIJIET POLITIĊI EWROPEJ”

(2022/C 203/03)

WERREJ

	Paġna
A. Introduzzjoni u qafas ġuridiku	3
B. L-għan tas-sejħa	4
C. L-iskop, il-kategorija u l-forma ta' finanzjament	5
D. Il-baġit disponibbli	5
E. Ir-rekwiżiti ta' ammissibbiltà għall-applikazzjonijiet għal finanzjament	5
F. Il-kriterji għall-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għal finanzjament	6
F.1 Il-kriterji ta' esklużjoni	6
F.2 Il-kriterji ta' eliġibbiltà	6
F.3 Il-kriterji tal-għażla	6
F.4 Il-kriterji tad-deċiżjoni tal-għoti u d-distribuzzjoni tal-finanzjament	6
G. Kontroll kondiviż mill-parlament ewropew u mill-awtorità	7
H. Termini u kundizzjonijiet	7
I. Kalendarju	7
J. Żvelar U Proċessar Ta' Data Personali	8
K. Informazzjoni Oħra	8

A. INTRODUEZZJONI U QAFAS ĠURIDIKU

- Skont l-Artikolu 10(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, “il-partiti politiċi fil-livell Ewropew jikkontribwixxu għall-formazzjoni tal-għarfien politiku Ewropew u għall-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni”.
- Skont l-Artikolu 224 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistabbilixxu r-regolamenti li jiggwidaw il-partiti politiċi flivell Ewropew u partikolarment ir-regoli li jirrigwardaw il-finanzjament tagħhom. Ir-regoli huma stipulati fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ⁽¹⁾, kif emendat sussegwentement.

(¹) ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1. Ġew ippubblikati żewġ emendi, fil-ĠU L 114 I 4.5.2018 p. 1 u fil-ĠU L 85 I 27.3.2019 p. 7.

3. Skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, fondazzjoni politika Ewropea hija "entità li tkun formalment affiljata ma' partit politiku Ewropew, li tkun irreġistrata mal-Awtorità skont il-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament, u li permezz tal-attivitajiet tagħha, skont l-għanijiet u l-valuri fundamentali segwiti mill-Unjoni, issaħħa u tikkomplementa l-għanijiet tal-partit politiku Ewropew".
4. Skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, fondazzjoni politika Ewropea li tkun affiljata ma' partit politiku Ewropew eliġibbli li japplika għall-fondi taħt l-Artikolu 17(1) tar-regolament, li tkun irreġistrata skont il-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament, u li ma tkunx f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament Finanzjarju, tista' tapplika għall-fondi mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mat-termini u mal-kundizzjonijiet ippubblikati mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew f'sejħa għal proposti.
5. Għaldaqstant, il-Parlament Ewropew qed iniedi din is-sejħa għall-proposti li għandha l-għan li jagħmel għotjiet lill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ("is-sejħa").
6. Il-qafas ġuridiku ta' bażi huwa definit fl-atti ġuridiċi li ġejjin:
 - a) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014;
 - b) Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Lulju 2019, li tistabbilixxi l-proċeduri għall-implimentazzjoni Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ⁽²⁾ ("Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-1 ta' Lulju 2019");
 - c) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽³⁾ ("Ir-Regolament Finanzjarju");
 - d) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/2401 tat-2 ta' Ottubru 2015 dwar il-kontenut u t-tħaddim tar-Reġistru tal-partiti u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ⁽⁴⁾;
 - e) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2246 tat-3 ta' Diċembru 2015 dwar dispożizzjonijiet dettaljati għas-sistema tan-numri tar-reġistrazzjoni applikabbli għar-reġistru tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej u għall-informazzjoni provduta permezz ta' estratti standard mir-reġistru ⁽⁵⁾;
 - f) Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew ⁽⁶⁾.

Fil-25 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta ⁽⁷⁾ (riformulazzjoni) għar-reviżjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jistgħu japprovaw l-emendi għar-regolament qabel jew matul is-sena finanzjarja 2023. Id-dħul fis-seħħ tar-regolament il-ġdid qabel jew matul is-sena 2023 jista' jwassal għal bidliet rilevanti fil-qafas ġuridiku bażiku għall-finanzjament tas-sena finanzjarja 2023, li jistgħu jeħtieġu rettifika teknika għal din is-sejħa.

B. L-GĦAN TAS-SEJĦA

7. L-għan ta' din is-sejħa huwa li jstieden lill-fondazzjonijiet politiċi rreġistrati Ewropej jippreżentaw applikazzjonijiet għal finanzjament mill-baġit tal-Unjoni ("applikazzjonijiet għal finanzjament").

⁽²⁾ ĠU C 249, 25.7.2019, p. 2.

⁽³⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 333, 19.12.2015, p. 50.

⁽⁵⁾ ĠU L 318, 4.12.2015, p. 28.

⁽⁶⁾ Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew ta' Settembru 2021.

⁽⁷⁾ COM(2021) 734 final, 2021/0375(COD).

C. L-ISKOP, IL-KATEGORIJA U L-FORMA TA' FINANZJAMENT

8. L-iskop tal-finanzjament huwa li jappoġġa l-programm ta' ħidma tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023 skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-ftehim ta' għotja li għandu jiġi konkluż bejn il-fondazzjoni politika Ewropea benefiċjarja u l-Parlament Ewropew.
9. Il-kategorija tal-finanzjament huwa l-għotja lil fondazzjonijiet politiċi Ewropej, skont it-Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju ("għotja"). L-għotja tiegħu l-forma ta' rimborż ta' perċentwal tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba.
10. L-ammont massimu mħallas lill-benefiċjarju mill-Parlament Ewropew la għandu jaqbeż il-95 % tal-ispejjeż eliġibbli indikati fil-baġit proviżorju u lanqas il-95 % tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba.

D. IL-BAĠIT DISPONIBBLI

11. Il-finanzjament previst għas-sena finanzjarja 2023 skont l-Artikolu 403 tal-baġit tal-Parlament Ewropew "Finanzjament tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej" jammonta għal EUR 23 000 000 kif adottat mill-Parlament Ewropew fl-abbozz ta' estimi tiegħu. L-appropriazzjonijiet disponibbli li għandhom jitqassmu se jiġu stabbiliti mill-awtorità baġitarja fil-baġit finali approvat għas-sena 2023.

E. IR-REKWIŻITI TA' AMMISSIBILTÀ GĦALL-APPLIKAZZJONIJIET GĦAL FINANZJAMENT

12. L-applikazzjonijiet għal finanzjament ikunu ammissibbli jekk:
 - a) jitressqu bil-miktub bl-użu tal-formola ta' applikazzjoni annessa ma' din is-sejħa, inklużi d-dokumenti ġustifikattivi kollha meħtieġa hemmhekk;
 - b) jinkludu l-impenn, espress bil-miktub permezz tal-iffirmar tal-formola ta' dikjarazzjoni annessa ma' din is-sejħa, li l-applikant jaqbel mat-termini u l-kundizzjonijiet kif ukoll il-kriterji ta' esklużjoni speċifikati fl-Anness 1b tad-Deċiżjoni tal-Bureau tal-1 ta' Lulju 2019;
 - c) ikun fihom ittra ta' rappreżentant legali li tiċċertifika l-awtorizzazzjoni biex jitwettqu obbligi legali fisem l-applikant;
 - d) ikunu ntbagħtu lill-President tal-Parlament Ewropew **sat-30 ta' Settembru 2022**, preferibbilment fformat pdf, bħala kopja elettronika jew bħala oriġinali elettronika (b'firma elettronika kwalifikata¹), lill-mailbox funzjonali li ġejja: fin.part.fond.pol@europarl.europa.eu;

Id-dokumenti tal-applikazzjonijiet irid jkunu ffirmati bl-idejn jew inkella permezz ta' firem elettroniċi kwalifikati (QES). Fil-każ tal-firem elettroniċi kwalifikati, dawn iridu jkunu konformi mar-Regolament dwar l-Identifikazzjoni Elettronika u s-Servizzi Fiduċjarji (eIDAS) ⁽⁸⁾.

Jekk l-applikazzjonijiet jiġu ppreżentati b'mod elettroniku u meta ċerti dokumenti jkollhom firem bl-idejn, l-applikant għandu jżomm u jipproduċi l-oriġinal, sħiħ jew parti minnu, fuq talba tas-servizzi tal-Parlament Ewropew u jibgħat dawk l-oriġinali fl-indirizz fiżiku li ġej:

President tal-Parlament Ewropew
Għall-attenzjoni tas- Sur Didier Kléhi, Direttur Ġenerali tal-Finanzi
ADENAUER 04T003
L-2929 il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

⁽⁸⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE, (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

13. Meta, skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni tal-Bureau tal-1 ta' Lulju 2019, l-applikant jiġi mistieden mill-uffiċjal awtorizzanti b'delega biex jippreżenta d-dokumenti ġustifikattivi oriġinali jew kjarifiki fuq il-karta rigward l-applikazzjoni, l-applikant għandu juża l-indirizz fiżiku indikat fil-paragrafu 12. Dokumenti elettroniċi ffirmati bil-firma elektronika kwalifikata huma aċċettati wkoll, u għandhom jintbagħtu lill-mailbox funzjonali: fin.part.fond.pol@europarl.europa.eu.

Kwalunkwe korrisondenza oħra fir-rigward tal-applikazzjoni għandha tuża l-mailbox funzjonali indikata hawn fuq

14. L-applikazzjonijiet li jitqiesu mhux kompluti jistgħu jiġu rrifjutati.

F. IL-KRITERJI GĦALL-EVALWAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONIJIET GĦAL FINANZJAMENT

F.1 Il-kriterji ta' esklużjoni

15. L-applikanti għandhom jiġu esklużi mill-proċedura ta' finanzjament jekk:

- ikunu f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni msemmija fl-Artikoli 136(1), 136(2) jew 141 tar-Regolament Finanzjarju;
- suġġetti għal kwalunkwe sanzjoni prevista fl-Artikolu 27(1) u fil-punti (v), (vi) u (vii) tal-Artikolu 27(2)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.

F.2 Il-kriterji ta' eliġibbiltà

16. Sabiex ikunu eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni, l-applikanti jeħtieġ li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 17 u 18 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014. Dan ifisser li kull applikant:

- jeħtieġ li jkun irreġistrat mal-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej ⁽⁹⁾ ("l-Awtorità"), f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014;
- jeħtieġ li jkun affiljat ma' partit politiku Ewropew li jissodisfa l-kriterji kollha biex jingħata kontribuzzjoni lill-partiti politiċi Ewropej ⁽¹⁰⁾;
- jeħtieġ li jikkonforma mal-obbligi elenkati fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, jiġifieri jeħtieġ li jkun issottometta d-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali ⁽¹¹⁾, rapport tal-awditjar estern u l-lista ta' donaturi u kontributori, kif speċifikat hemmhekk.

F.3 Il-kriterji tal-għażla

17. Skont l-Artikolu 198 tar-Regolament Finanzjarju, "l-applikant għandu jkollu sorsi stabbli u suffiċjenti ta' finanzjament għaż-żamma tal-attività tiegħu matul il-perijodu li għalih tingħata l-għotja u għandu jipparteċipa fil-finanzjament tagħha ('kapaċità finanzjarja'). L-applikant għandu jkollu l-kompetenzi u l-kwalifiki professjonali meħtieġa biex ilesti l-azzjoni jew il-programm ta' ħidma proposti sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor fl-att bażiku ('kapaċità operazzjonali')".

F.4 Il-kriterji tad-deċiżjoni tal-għoti u d-distribuzzjoni tal-finanzjament

18. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, l-appropriazzjonijiet disponibbli rispettivi għandhom jitqassmu kull sena. Dawn għandhom jitqassmu fost il-fondazzjonijiet politiċi Ewropej li l-applikazzjonijiet tagħhom għall-finanzjament ikunu ġew approvati fid-dawl tal-kriterji ta' eliġibbiltà u ta' esklużjoni, abbażi tal-formula ta' distribuzzjoni li ġejja:

- 10 % se jitqassmu f'ishma ndaqg fost il-fondazzjonijiet politiċi Ewropej benefiċjarji;
- 90 % se jitqassmu bejn il-fondazzjonijiet politiċi Ewropej benefiċjarji bi proporzjon mas-sehem tagħhom ta' membri eletti fil-Parlament Ewropew fost il-partiti politiċi Ewropej benefiċjarji li l-applikanti jkunu affiljati magħhom.

⁽⁹⁾ Stabbilita skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1141/2014.

⁽¹⁰⁾ Skont it-Titolu XI tar-Regolament Finanzjarju.

⁽¹¹⁾ Sakemm l-applikant ma jkunx soġġett għall-kontroll taħt l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 (pereżempju: għadu kemm inħoloq, eċċ.).

G. KONTROLL KONDIVIŻ MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-AWTORITÀ

19. L-Artikolu 24(1) u (2) ⁽¹²⁾ tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jipprevedi kontroll kondiviż bejn il-Parlament Ewropew u l-Awtorità.
20. Fejn skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, l-Awtorità għandha l-kompetenza li tiċċekkja l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-Parlament Ewropew se jibgħat l-applikazzjonijiet għal finanzjament lill-Awtorità.
21. Fl-istadji kollha tal-proċedura [tal-għoti], l-applikanti jibqgħu meħtieġa mill-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 li jipprovdu, fuq talba tal-Awtorità, kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-fini tat-tweġiq tal-kontrolli li għalihom hija responsabbli. Dan jista' jinkludi b'mod partikolari dokumentazzjoni jew kjarifiki addizzjonali għall-applikazzjonijiet għal finanzjament, li għandhom jiġu ppreżentati fil-format speċifikat mill-Awtorità.
22. L-Awtorità se tikkomunika lill-Parlament Ewropew ir-riżultat tal-kontrolli u l-verifiki tagħha.

H. TERMINI U KUNDIZZJONIJET

23. L-applikanti huma obbligati li jinnotifikaw lill-Parlament Ewropew dwar kwalunkwe bidla fir-rigward tad-dokumenti mressqa jew fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-applikazzjoni fi żmien ġimagħtejn minn tali bidla. Fin-nuqqas ta' tali notifika, l-uffiċjal awtorizzanti jista' jiddeċiedi abbażi tal-informazzjoni disponibbli, minkejja kwalunkwe informazzjoni pprovduta fi stadju iktar tard jew ippubblikata permezz ta' kanali oħra.
24. Rigward il-kundizzjoni li applikant ikompli jissodisfa l-kriterji għall-finanzjament, l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-applikant.
25. It-termini u l-kundizzjonijiet rigward il-finanzjament tal-Unjoni li għandu jingħata taħt din is-sejħa huma stabbiliti fl-Anness 1b tad-Deċiżjoni tal-Bureau tal-1 ta' Lulju 2019.
26. Kull applikant għandu jaċċetta t-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 25 ta' din is-sejħa, billi jiffirma l-formola ta' dikjarazzjoni annessa ma' din is-sejħa. Dawn it-termini u kundizzjonijiet jorbtu l-benefiċjarju li jingħatalu l-finanzjament u huma stabbiliti fil-ftehim ta' għotja.

I. KALENDARJU

27. L-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għal finanzjament hija **t-30 ta' Settembru 2022**.
28. L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jadotta deċiżjoni fi żmien tliet xhur wara l-għeluq tas-sejħa għal proposti. Wara dik id-deċiżjoni, id-deċiżjonijiet individwali ffirmati mill-President tal-Parlament Ewropew jiġu nnotifikati lill-applikanti.

⁽¹²⁾ L-Artikolu 24(1)-(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 - Regoli ġenerali dwar il-kontroll:

“1. Il-kontroll tal-konformità mill-partiti politiċi Ewropej u mill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej mal-obbligi taħt dan ir-Regolament għandhom jiġu eżerċitati, fkooperazzjoni, mill-Awtorità, mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew u mill-Istati Membri kompetenti.

2. L-Awtorità għandha tikkontrolla l-konformità tal-partiti politiċi Ewropej u mill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej mal-obbligi tagħhom taħt dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikolu 3, il-punti (a), (b) u (d) sa (f) tal-Artikolu 4(1), il-punti (a) sa (e) u (g) tal-Artikolu 5(1), l-Artikolu 9(5) u (6), u l-Artikoli 20, 21 u 22.

L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jikkontrolla l-konformità mill-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej tal-obbligi relatati mal-finanzjament mill-Unjoni taħt dan ir-Regolament skont ir-Regolament Finanzjarju. Fit-tweġiq ta' dawn il-kontrolli, il-Parlament Ewropew għandu jieħu l-miżuri meħtieġa fl-oqsma tal-prevenzjoni tal-frodi u tal-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.”

29. Huwa previst li f'Janjar 2023, l-applikanti magħżula se jirċievu l-abbozz tal-ftehim ta' għotja li għandu jiġi ffirmat minnhom u li l-applikanti miċħuda se jiġu infurmati fl-istess ħin. Il-Ftehim ta' għotja jista' jiġi ffirmat b'firma elettronika kwalifikata (QES). Il-ħlas tal-prefinanzjament għandu jsir fi żmien 30 jum wara l-iffirmar sussegwenti tal-ftehim ta' għotja f'isem il-Parlament Ewropew.

J. ŻVELAR U PROĊESSAR TA' DATA PERSONALI

30. Il-Parlament Ewropew u l-Awtorità għandhom jipubblikaw, inkluż fuq l-internet, informazzjoni skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.
31. Kwalunkwe data personali miġbura fil-kuntest ta' din is-sejħa għandha tiġi pproċessata f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE⁽¹³⁾ u skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.
32. Tali data għandha tkun ipproċessata għall-fini ta' evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għal finanzjament u ta' salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' trasferiment ta' din id-data lill-entitajiet responsabbli għat-tweqqif ta' kompiti ta' verifika u awditjar skont il-liġi tal-Unjoni, bħas-servizzi tal-awditjar intern tal-Parlament Ewropew, l-Awtorità, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, jew l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).
33. Abbażi ta' talba bil-miktub, kwalunkwe persuna fiżika relatata mal-benefiċjarju tista' tikseb aċċess għad-data personali tagħha u tikkoreġi kwalunkwe data żbaljata jew mhux kompluta. It-talba li tirrigwarda l-ipproċessar tad-data personali tista' tiġi mressqa lid-Direttorat Ġenerali għall-Finanzi tal-Parlament Ewropew jew lill-Uffiċċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Parlament Ewropew. Il-persuna konċernata tista', f'kull ħin, tilmenta mal-Kontrollur Ewropew għall-Ħarsien tad-Data dwar dak li jirrigwarda l-ipproċessar tad-data personali tagħha.
34. Id-data personali tista' tiġi reġistrata fis-Sistema ta' Individwazzjoni u ta' Esklużjoni Bikrija mill-Parlament Ewropew, jekk il-benefiċjarju jkun f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 136(1) u 141 tar-Regolament Finanzjarju.

K. INFORMAZZJONI OĦRA

35. Kwalunkwe mistoqsija relatata ma' din is-sejħa għandha tintbagħat b'email, filwaqt li tiġi kkwotata r-referenza tal-pubblikazzjoni, lill-mailbox funzjonali li ġejja: fin.part.fond.pol@europarl.europa.eu
36. Il-leġiżlazzjoni bażika speċifikata fil-paragrafu 6(b) ta' din is-sejħa u l-formola ta' applikazzjoni għal finanzjament annessi ma'din is-sejħa huma disponibbli fuq is-sit tal-internet tal-Parlament Ewropew (<https://www.europarl.europa.eu/contracts-and-grants/mt/list-of-notice/>)

Anness: Il-formola ta' applikazzjoni għal finanzjament, inklużi l-formola ta' identifikazzjoni finanzjarja, id-dikjarazzjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali u dwar il-kriterji ta' esklużjoni, il-mudell tal-baġit proviżorju u d-dikjarazzjoni li l-applikazzjoni tressqet permezz ta' partit politiku Ewropew affiljat.

⁽¹³⁾ ĠUL 295, 21.11.2018, p 39.

ANNEX a

FORMOLA TA' APPLIKAZZJONI GĦAL FINANZJAMENT

GĦOTJIET ⁽¹⁾ LILL-FONDAZZJONIJIET POLITIĊI EWROPEJ

GĦAS-SENA FINANZJARJA [DAHĦAL IS-SENA]

FIEX TIKKONSISTI L-APPLIKAZZJONI GĦALL-FINANZJAMENT

Il-lista li ġejja hi maħsuba biex tgħinek tħejji l-applikazzjoni tiegħek għal finanzjament. Din tista' tintuża bħala checklist biex tiżgura li tkun inkludejt id-dokumenti meħtieġa kollha.

Numru tad-dokument	Dokumenti li jridu jiġu pprovduti	
	<i>Dokumenti li jridu jiġu pprovduti iżda li mhumiex inklużi f'dan il-mudell tal-applikazzjoni għall-finanzjament</i>	
1.	Ittra ta' akkumpanjament b'indikazzjoni tal-ammont tal-għotja mitluba għas-sena finanzjarja n, iffirmata mir-rappreżentant legali	<input type="checkbox"/>
2.	Ittra ta' rappreżentant legali li tiċċertifika l-awtorizzazzjoni biex jitwettqu obbligi legali fisem l-applikant	<input type="checkbox"/>
3.	Lista tal-persuni li jkollhom poteri ta' rappreżentanza, teħid ta' deċiżjonijiet jew kontroll fuq l-organizzazzjoni applikanti, bħall-President, membri tal-Bord, is-Segretarju Ġenerali, it-Teżorier ⁽²⁾	<input type="checkbox"/>
4.	Prova ta' reġistrazzjoni mill-Awtorità fid-data tal-applikazzjoni għall-finanzjament (unikament għall-applikanti li d-deċiżjoni għar-reġistrazzjoni għadha mhix disponibbli pubblikament għalihom, jiġifieri għadha ma ġietx ippubblikata fuq is-sit web tal-Awtorità jew f'Il-Ġurnal Uffiċjali)	<input type="checkbox"/>
5.	Programm ta' ħidma	<input type="checkbox"/>
6.	Unikament fil-każ ta' applikant ġdid li ma setax jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014: id-dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati l-aktar riċenti, imħejjija minn kontabilista professjonali	<input type="checkbox"/>
	<i>Dokumenti li jridu jiġu pprovduti u li huma inklużi f'dan il-mudell tal-applikazzjoni għal finanzjament</i>	
7.	Formola ta' identifikazzjoni finanzjarja (unikament fil-każ ta' applikant ġdid, jew fil-każ ta' bidliet fl-isem, l-indirizz jew il-kont bankarju)	<input type="checkbox"/>
8.	Dikjarazzjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali u dwar il-kriterji ta' esklużjoni	<input type="checkbox"/>
9.	Baġit proviżorju bbilanċjat	<input type="checkbox"/>
10.	Dikjarazzjoni li l-applikazzjoni tressqet permezz ta' partit politiku Ewropew affiljat	<input type="checkbox"/>

⁽¹⁾ Il-kategorija tal-finanzjament hija l-għotja operattiva, skont it-Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

⁽²⁾ Pereżempju b'referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-istatuti tal-applikant, fejn applikabbli.

FORMOLA TA' IDENTIFIKAZZJONI FINANZJARJA

<u>LEGAL ENTITY</u> <u>PRIVATE COMPANY</u>	
Title / LEGAL FORM	<input type="text"/>
NAME (S)	<input type="text"/>
ABBREVIATION	<input type="text"/>
ADDRESS Street	<input type="text"/>
Number	<input type="text"/> Postcode <input type="text"/>
Town / City	<input type="text"/> Country <input type="text"/>
VAT-Number	<input type="text"/>
PLACE OF REGISTRATION	<input type="text"/>
PHONE	<input type="text"/> FAX <input type="text"/>
E-MAIL	<input type="text"/>
A copy of some official document showing the name of the legal entity, the registration address, the VAT number and the registration number given by the national authorities must be attached.	
<u>ACCOUNT NAME</u>	
ACCOUNT NAME	<input type="text"/>
<small>(The name under which the account has been opened)</small>	
ADDRESS Street	<input type="text"/>
Number	<input type="text"/> Postcode <input type="text"/>
Town / City	<input type="text"/> Country <input type="text"/>
<u>BANK</u>	
IBAN	<input type="text"/>
<small>(Obligatory, if the IBAN Code exists in the country where your bank is established)</small>	
SWIFT CODE (BIC)	<input type="text"/> CURRENCY <input type="text"/>
ACCOUNT NUMBER	<input type="text"/>
<small>(National Format)</small>	
BANK NAME	<input type="text"/>
ADDRESS Street	<input type="text"/>
Number	<input type="text"/> Postcode <input type="text"/>
Town / City	<input type="text"/> Country <input type="text"/>
BANK STAMP + SIGNATURE OF BANK REPRESENTATIVE : <input style="width: 100%; height: 100%;" type="text"/>	DATE + SIGNATURE OF ACCOUNT HOLDER <small>(Obligatory)</small> <input style="width: 100%; height: 100%;" type="text"/>
* It is preferable to attach a copy of recent bank statement. Please note that the bank statement has to provide all the information listed above under 'ACCOUNT NAME' and 'BANK'. In this case, the stamp of the bank and the signature of the bank's representative are not required. The signature of the account-holder is obligatory in all cases.	

DIKJARAZZJONI DWAR IT-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJET ĠENERALI U DWAR IL-KRITERJI TA' ESKLUŻJONI

Jiena, hawn taħt iffirmat, ir-rappreżentant legali ta' [daħħal l-isem tal-applikant] niċċertifika li:

- qrajt it-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali kif stipulat fil-mudell tal-ftehim ta' għotja, u naqbel magħhom,
- l-applikant ma jinsabx f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 136(1)* u 141* tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Ir-Regolament Finanzjarju")^(*),
- l-applikant mhux suġġett għal kwalunkwe sanzjoni prevista fl-Artikolu 27(1)(*) u fil-punti (v), (vi) u (vii) tal-Artikolu 27(2)(a)(*) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014^(*) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,
- l-organizzazzjoni applikanti għandha l-kapaċitajiet finanzjarji u organizzattivi biex timplimenta l-ftehim ta' għotja,
- l-informazzjoni mogħtija f'din l-applikazzjoni kif ukoll fl-annessi tagħha hija preċiża u ebda informazzjoni, kollha jew parti minnha, ma nżammet moħbija mill-Parlament Ewropew.

Firma awtorizzata:

Titlu (Sa, Sur, Prof ...), kunjom u isem:	
Funzjoni fl-organizzazzjoni li qed tapplika għal finanzjament:	
Post/Data:	
Firma:	

(*) L-Artikoli elenkati hawn fuq hemm referenza għalihom hawn taħt:

Artikolu 136(1) tar-Regolament Finanzjarju:

L-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli għandu jeskludi lil persuna jew lil entità msemmija fl-Artikolu 135(2) milli tieħu sehem fi proċeduri ta' għoti rregolati minn dan ir-Regolament jew milli tingħażel sabiex timplimenta fondi tal-Unjoni fejn dik il-persuna jew entità tkun tinsab f'waħda jew iżjed mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni li ġejjin:

- (a) il-persuna jew l-entità tkun falliet, jew tkun soġġetta għal proċeduri ta' insolvenza jew ta' stralċ, ikollha l-assi tagħha qed jiġu amministrati minn likwidatur jew minn qorti, tkun tinsab fi ftehim ma' kredituri, ikollha l-attivitajiet kummerċjali tagħha sospiżi, jew tkun qiegħda fi kwalunkwe sitwazzjoni analoga li tirriżulta minn proċedura simili prevista taħt il-liġi tal-Unjoni jew taħt il-liġi nazzjonali;
- (b) ikun ġie stabbilit b'sentenza finali jew b'deċiżjoni amministrattiva finali li l-persuna jew l-entità tkun qiegħda tikser l-obbligi tagħha relatati mal-pagament tat-taxxi jew tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali skont il-liġi applikabbli;
- (c) ikun ġie stabbilit permezz ta' sentenza finali jew permezz ta' deċiżjoni amministrattiva finali li l-persuna jew l-entità hija ħatja ta' mġiba professjonali ħażina serja billi tkun kisret il-liġijiet jew ir-regolamenti jew l-istandards etiċi applikabbli tal-professjoni li tappartjeni għaliha l-persuna jew l-entità, jew billi tkun involuta fi kwalunkwe aġir illegali li għandu impatt fuq il-kredibbiltà professjonali tagħha fejn dan it-tip ta' aġir jindika intenzjoni ħażina jew negliġenza serja, fosthom, b'mod partikolari, kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:
 - (i) rappreżentazzjoni ħażina b'mod frodulent jew b'negliġenza ta' informazzjoni meħtieġa għall-verifika tan-nuqqas ta' raġunijiet għall-esklużjoni jew għall-issodisfar tal-kriterji ta' eliġibbiltà jew tal-għażla jew fl-eżekuzzjoni tal-impenn legali;
 - (ii) id-dħul fi ftehim ma' persuni jew ma' entitajiet oħrajn bl-għan li tiġi kkawżata distorsjoni tal-kompetizzjoni;
 - (iii) il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;
 - (iv) it-tentattiv li jiġi influwenzat il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-uffiċjal awtorizzanti responsabbli matul il-proċedura ta' għoti;

^(*) ĠUL 193, 30.7.2018, p. 1.

^(*) ĠUL 317, 4.11.2014, p. 1.

- (v) it-tentattiv li tinkiseb informazzjoni kunfidenzjali li tista' tagħtih vantaġġi mhux xierqa fil-proċedura ta' għoti;
- (d) ikun ġie stabbilit permezz ta' sentenza finali li l-persuna tkun ħatja ta' kwalunkwe minn dawn li ġejjin:
- (i) frodi, fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, imfassla mill-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 1995;
 - (ii) korruzzjoni, kif definita fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva (UE) 2017/1371 jew korruzzjoni attiva fis-sens tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imfassla mill-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 1997, jew aġir imsemmi fl-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/ĠAI, jew korruzzjoni kif iddefinita fl-igġijiet applikabbli oħrajn;
 - (iii) imġiba relatata ma' organizzazzjoni kriminali, kif imsemmija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI;
 - (iv) ħasil ta' flus jew finanzjament tat-terroriżmu fis-sens tal-Artikolu 1(3), (4) u (5) tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
 - (v) reati terroristiċi jew reati marbuta ma' attivitajiet terroristiċi, kif definiti fl-Artikoli 1 u 3 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI, rispettivament, jew inċitament, għajna, tixwix jew tentattivi għat-twettiq ta' tali reati, kif imsemmija fl-Artikolu 4 ta' dik id-Deċiżjoni;
 - (vi) tħaddim tat-tfal jew reati oħra li jikkonċernaw it-traffikar tal-bnedmin kif imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- (e) il-persuna jew l-entità tkun uriet nuqqasijiet sinifikanti ta' konformità mal-obbligi ewlenin fl-implimentazzjoni ta' impenn legali iffinanzjat mill-baġit, li jkunu:
- (i) wasslu għat-terminazzjoni bikrija ta' impenn legali;
 - (ii) wasslu għall-applikazzjoni ta' danni likwidati jew penali kuntrattwali oħrajn; or
 - (iii) ġew skoperti minn uffiċjal awtorizzanti, mill-OLAF jew mill-Qorti tal-Awdituri wara verifiki, awditjar jew investigazzjonijiet;
- (f) ikun ġie stabbilit permezz ta' sentenza finali jew deċiżjoni amministrattiva finali li l-persuna jew l-entità tkun wettqet irregolarità fis-sens tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95;
- (g) ikun ġie stabbilit permezz ta' sentenza finali jew deċiżjoni amministrattiva finali li l-persuna jew entità ħolqot entità f'ġurisdizzjoni differenti bil-ħsieb li jiġu evitati obbligi fiskali, soċjali jew kwalunkwe obbligu legali ieħor fil-ġurisdizzjoni tal-uffiċċju rreġistrat, amministrazzjoni ċentrali jew post prinċipali tan-negozju tagħha;
- (h) ikun ġie stabbilit permezz ta' sentenza finali jew deċiżjoni amministrattiva finali li entità tkun inħolqot bil-ħsieb imsemmi fil-punt (g).

L-Artikolu 141(1) tar-Regolament Finanzjarju:

L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli għandu jiċħad minn proċedura ta' għoti lil parteċipant li:

- (a) ikun f'sitwazzjoni ta' esklużjoni stabbilita f'konformità mal-Artikolu 136;
- (b) ikun irrappreżenta b'mod ħażin l-informazzjoni meħtieġa bħala kundizzjoni għall-parteeċipazzjoni fil-proċedura jew naqas milli jipprovdi din l-informazzjoni;
- (c) qabel kien involut fit-tnejja tad-dokumenti użati fil-proċedura ta' għoti fejn dan ikun jinvolvi ksur tal-prinċipju ta' trattament indaqs, inkluża distorsjoni tal-kompetizzjoni li ma tistax tiġi rimedjata b'xi mod ieħor.

Skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, l-applikant ma jistax ikun soġġett għal xi waħda mis-sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 27(1) u fil-punti (a)(v), (vi) u (vii) tal-Artikolu 27(2).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 - L-Artikolu 27(1):

Skont l-Artikolu 16, l-Awtorità għandha tiddeċiedi li tneħħi partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea mir-Reġistru bħala sanzjoni fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- (a) meta l-partit jew il-fondazzjoni in kwistjoni jkunu nstabu permezz ta' sentenza li jkollha s-saħħa ta' res judicata li ingaġġaw f'attivitajiet illegali ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif definiti fl-Artikolu 106(1) tar-Regolament Finanzjarju;
- (b) meta jiġi stabbilit, skont il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 10(2) sa (5), li ma jkunux għadhom jissodisfaw waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 3(1) jew 3(2);
- (ba) meta d-deċiżjoni għar-reġistrazzjoni tal-partit jew tal-fondazzjoni inkwistjoni tkun ibbażata fuq informazzjoni żbaljata jew żvjantanti li għaliha jkun responsabbli l-applikant, jew meta tali deċiżjoni tkun inkisbet b'qerq; or
- (c) meta talba ta' Stat Membru li jsir qtugħ mir-reġistru għal raġunijiet ta' nuqqas serju li jitwettqu l-obbligi skont il-liġi nazzjonali tkun tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-punt (b) tal-Artikolu 16(3).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 - Artikolu 27(2)(a),(v), (vi) u (vii):

L-Awtorità għandha timponi sanzjonijiet finanzjarji fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- (a) ksur mhux kwantifikabbli:
 - (v) meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunu instabu permezz ta' sentenza li jkollha s-saħħa ta' res judicata li jkunu ingaġġaw f'attivitajiet illegali li huma ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif definiti fl-Artikolu 106(1) tar-Regolament Finanzjarju;
 - (vi) meta l-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati jkunu fi kwalunkwe ħin bi ħsieb naqsu milli jagħtu informazzjoni jew bi ħsieb taw informazzjoni mhix korretta jew qarrieqa, jew fejn l-entitajiet awtorizzati minn dan ir-Regolament biex jawditjaw jew iwettqu kontrolli fuq il-benefiċjarji tal-finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jsibu ineżattezzi fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali li jitqiesu li jikkostitwixxu nuqqasijiet materjali jew dikjarazzjonijiet mhux korretti ta' entrati skont l-istandards internazzjonali tal-kontabilità definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002;
 - (vii) meta, f'konformità mal-proċedura ta' verifika prevista fl-Artikolu 10a, jiġi stabbilit li partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunu influwenzaw, jew ippruwaw jinfluwenzaw, deliberatament l-eżitu tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew billi jkunu hađu vantaġġ minn ksur tar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni ta' data personali.

ANNEX b

BAĠIT PROVIŻORJU

Spejjeż			Dħul					
Spejjeż eliġibbli	Baġit	Reali		Baġit	Reali			
A.1: Spejjeż tal-persunal 1. Salarji 2. Kontribuzzjonijiet 3. Taħriġ professjonali 4. Spejjeż tal-missjonijiet tal-persunal 5. Spejjeż oħra tal-persunal			D.1 Allokazzjoni tal-“Proviżjoni biex tkopri l-ispejjeż eliġibbli li jsiru fl-ewwel kwart tas-sena N”	Mhux Applikabbli				
			D.2 Finanzjament tal-Parlament Ewropew allokati għas-sena N					
			D.3 Kontribuzzjonijiet tal-membri					
			3.1 mill-organizzazzjonijiet tal-membri 3.2 mill-membri individwali					
			D.4 Donazzjonijiet					
A.2: Spejjeż tal-infrastruttura u tal-operat 1. Kera, imposti u spejjeż tal-manutenzjoni 2. Spejjeż relatati mal-installazzjoni, l-operat u l-manutenzjoni tal-apparat 3. Deprezzament ta' proprjetà mobbli u immobbli 4. Kartolerija u provvisti tal-uffiċċju 5. Imposti tal-posta u tat-telekomunikazzjonijiet 6. Spejjeż għall-istampar, it-traduzzjoni u r-riproduzzjoni 7. Spejjeż oħra tal-infrastruttura			D.5 Riżorsi proprji oħra					
			(iridu jiġu speċifikati)					
			A.3: Spejjeż amministrattivi 1. Spejjeż ta' dokumentazzjoni (ġurnali, aġenziji tal-istampa, bażijiet tad-data) 2. Spejjeż ta' studji u ta' riċerka 3. Spejjeż legali 4. Spejjeż ta' kontabbiltà u awditjar 5. Spejjeż amministrattivi mix-xellanji 6. Appoġġ lil partijiet terzi					
A.4: Spejjeż ta' laqgħat u ta' rappreżentanza 1. Spejjeż ta' laqgħat 2. Parteċipazzjoni f'seminars u konferenzi 3. Spejjeż ta' rappreżentanza 4. Spejjeż ta' stedinet 5. Spejjeż oħra relatati ma' laqgħat								

A.5: Spejjeż marbuta ma' informazzjoni u pubblikazzjoni 1. Spejjeż tal-pubblikazzjoni 2. Ħolqien u tħaddim ta' siti tal-Internet: 3. Spejjeż ta' pubbliċità 4. Tagħmir tal-komunikazzjoni ("gadgets") 5. Seminars u wirjiet 6. Spejjeż oħra relatati mal-informazzjoni				
A.6: Allokazzjoni tal-"Proviżjoni biex tkopri l-ispejjeż eliġibbli li jsiru fl-ewwel kwart tas-sena N+1"				
A. SPEJJEŻ ELIĠIBBLI TOTALI				
Spejjeż ineliġibbli 1. Allokazzjonijiet għal provvisti oħra 2. Fhasijiet finanzjarji 3. Telf mill-kambju 4. Pretensjonijiet dubjużi fuq partijiet terzi 5. Oħrajn (iridu jkunu speċifikati) 6. Kontribuzzjonijiet in natura				
B. SPEJJEŻ INELIĠIBBLI TOTALI				
C. SPEJJEŻ TOTALI				
			D.6. Imgħax mill-prefinanzjament	
			D.7. Kontribuzzjonijiet in natura	
			D. DĦUL TOTALI	
			E. Profitt/Telf (D-C)	
F. Allokazzjoni ta' riżorsi proprji għall-kont ta' riserva				
G. Profitt/Telf biex tiġi vverifikata l-konformità mar-regola ta' ebda profitt (E-F)				

**DIKJARAZZJONI LI L-APPLIKAZZJONI TRESSQET PERMEZZ TA' PARTIT POLITIKU EWROPEW
AFFILJAT**

Jiena, hawn taħt iffirmit, ir-rappreżentant legali ta' [daħħal l-isem tal-partit], niddikjara li, skont l-Artikolu 18(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, l-applikazzjoni preżenti għall-finanzjament ta' [daħħal l-isem tal-applikant] għas-sena finanzjarja 2023 hija mressqa permezz tal-partit politiku Ewropew affiljat tiegħu [daħħal l-isem tal-partit politiku Ewropew affiljat].

Firma awtorizzata:

Titlu (Sa, Sur, Prof ...), kunjom u isem:	
Funzjoni fil-partit politiku Ewropew:	
Post/Data:	
Firma:	

Sejħa għal kontribuzzjonijiet (Nru IX-2023/01)
“KONTRIBUZZJONIJIET LILL-PARTITI POLITIĊI EWROPEJ”

(2022/C 203/04)

WERREJ

	<i>Paġna</i>
A. Introduzzjoni u qafas ġuridiku	18
B. L-objettiv tas-sejħa	19
C. L-iskop, il-kategorija u l-forma ta' finanzjament	19
D. Il-baġit disponibbli	19
E. Rekwiżiti ta' ammissibbiltà għall-applikazzjonijiet għal finanzjament	19
F. Il-kriterji għall-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għal finanzjament	20
F.1 Il-kriterji ta' esklużjoni	20
F.2 Il-kriterji ta' eliġibbiltà	20
F.3 Il-kriterji tat-teħid tad-deċiżjoni u d-distribuzzjoni tal-finanzjament	20
G. Kontroll kondiviż mill-Parlament Ewropew u l-Awtorità	21
H. Termini u kundizzjonijiet	21
I. Kalendarju	21
J. Żvelar u pproċessar ta' data personali	22
K. Informazzjoni oħra	22

A. INTRODUEZZJONI U QAFAS ĠURIDIKU

1. Skont l-Artikolu 10(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, “il-partiti politiċi fil-livell Ewropew jikkontribwixxu għall-formazzjoni tal-għarfien politiku Ewropew u għall-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni”.
2. Skont l-Artikolu 224 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistabbilixxu r-regolamenti li jiggwidaw il-partiti politiċi flivell Ewropew u partikolarment ir-regoli li jirrigwardaw il-finanzjament tagħhom. Ir-regoli huma stipulati fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ⁽¹⁾, kif emendat sussegwentement.
3. Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, partit politiku Ewropew li jkun irreġistrat skont il-kundizzjonijiet u l-proċeduri tar-Regolament u rrappreżentat fil-Parlament Ewropew b'minn tal-inqas wieħed mill-membri tiegħu, u li ma jkunx f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament Finanzjarju, jista' japplika għall-finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet ippubblikati mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew f'sejħa għal kontribuzzjonijiet.
4. Għaldaqstant, il-Parlament Ewropew qed ivara din is-sejħa għal kontribuzzjonijiet bil-ħsieb li jagħti kontribuzzjonijiet lill-partiti politiċi Ewropej (“is-sejħa”).
5. Il-qafas ġuridiku ta' bażi huwa definit f'dawn l-atti ġuridiċi:
 - a) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014;
 - b) Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Lulju 2019, li tistabbilixxi l-proċeduri għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ⁽²⁾ (“Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-1 ta' Lulju 2019”);
 - c) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽³⁾ (“ir-Regolament Finanzjarju”);
 - d) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/2401 tat-2 ta' Ottubru 2015 dwar il-kontenut u t-tħaddim tar-Reġistru tal-partiti u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ⁽⁴⁾;
 - e) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2246 tat-3 ta' Diċembru 2015 dwar dispożizzjonijiet dettaljati għas-sistema tan-numri tar-reġistrazzjoni applikabbli għar-reġistru tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej u għall-informazzjoni provduta permezz ta' estratti standard mir-reġistru ⁽⁵⁾;
 - f) Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew ⁽⁶⁾.

Fil-25 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta ⁽⁷⁾ (riformulazzjoni) għar-reviżjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jistgħu japprovaw l-emendi għar-regolament qabel jew matul is-sena finanzjarja 2023. Id-dħul fis-seħħ tar-regolament il-ġdid qabel jew matul is-sena 2023 jista' jiskatta bidliet rilevanti fil-qafas ġuridiku bażiku għall-finanzjament tal-2023, li jistgħu jeħtieġu rettifika teknika għal din is-sejħa.

⁽¹⁾ ĠUL 317, 4.11.2014, p. 1. Ġew ippubblikati żewġ emendi fil-ĠUL 114 I, 4.5.2018 p. 1 u fil-ĠUL 85 I, 27.3.2019 p. 7.

⁽²⁾ ĠU C 249, 25.7.2019, p. 2.

⁽³⁾ ĠUL 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠUL 333, 19.12.2015, p. 50.

⁽⁵⁾ ĠUL 318, 4.12.2015, p. 28.

⁽⁶⁾ Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew ta' Settembru 2021.

⁽⁷⁾ COM(2021) 734 final, 2021/0375 (COD)

B. L-OBJETTIV TAS-SEJĦA

6. L-objettiv ta' din is-sejħa huwa li l-partiti politiċi reġistrati Ewropej jiġu mistiedna jressqu applikazzjonijiet għall-finanzjament mill-baġit tal-Unjoni ("applikazzjonijiet għal finanzjament").

C. L-ISKOP, IL-KATEGORIJA U L-FORMA TA' FINANZJAMENT

7. L-iskop tal-finanzjament huwa li jappoġġa l-attivajiet u l-objettivi statutorji tal-partit politiku Ewropew għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023 skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-ftehim ta' kontribuzzjoni li għandu jiġi konkluż bejn il-partit politiku Ewropew benefiċjarju u l-Parlament Ewropew.
8. Il-kategorija tal-finanzjament hija l-kontribuzzjoni lill-partiti politiċi Ewropej, skont it-Titolu XI tar-Regolament Finanzjarju ("il-kontribuzzjoni"). Il-kontribuzzjoni tiegħu l-forma ta' rimborż ta' perċentwal tan-nefqa rimborżabbli li tkun saret.
9. L-ammont massimu mħallas lill-benefiċjarju mill-Parlament Ewropew m'għandux jeċċedi d-90% tan-nefqa rimborżabbli indikata fil-baġit stmat jew 90% tan-nefqa rimborżabbli mġarrba.

D. IL-BAĠIT DISPONIBBLI

10. Il-finanzjament previst għas-sena finanzjarja 2023 skont l-Artikolu 402 tal-baġit tal-Parlament Ewropew "Finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej" jammonta għal EUR 46 000 000 kif adottat mill-Parlament Ewropew fl-abbozz ta' estimi tiegħu. L-appropriazzjonijiet disponibbli li għandhom jitqasmu se jiġu stabbiliti mill-awtorità baġitarja fil-baġit finali approvat għas-sena 2023.

E. REKWIŻITI TA' AMMISSIBILITÀ GĦALL-APPLIKAZZJONIJIET GĦAL FINANZJAMENT

11. L-applikazzjonijiet għal finanzjament ikunu ammissibbli jekk:
- jitressqu bil-miktub bl-użu tal-formola ta' applikazzjoni annessa ma' din is-sejħa, inklużi d-dokumenti ġustifikattivi kollha meħtieġa hemmhekk;
 - jinkludu l-impenn, espress bil-miktub permezz tal-iffirmar tal-formola ta' dikjarazzjoni annessa ma' din is-sejħa, li l-applikant jaqbel mat-termini u l-kundizzjonijiet kif ukoll il-kriterji ta' esklużjoni speċifikati fl-Anness 1a tad-Deċiżjoni tal-Bureau tal-1 ta' Lulju 2019;
 - ikun fihom ittra ta' rappreżentant legali li tiċċertifika l-awtorizzazzjoni biex jitwettqu obbligi legali fisem l-applikant;
 - jiġu mgħoddija lill-President tal-Parlament Ewropew sat-**30 ta' Settembru 2022**, preferibbilment fformat pdf, bħala kopja elettronika jew bħala oriġinali elettronika (b'firma elettronika kwalifikata¹⁾, lill-mailbox funzjonali li ġejja: fin.part.fond.pol@europarl.europa.eu.

Id-dokumenti tal-applikazzjonijiet irid jkunu ffirmati bl-idejn jew inkella permezz ta' firem elettroniċi kwalifikati (QES). Fil-każ tal-firem elettroniċi kwalifikati, dawn iridu jkunu konformi mar-Regolament dwar l-Identifikazzjoni Elettronika u s-Servizzi Fiduċjarji (eIDAS) ⁽⁸⁾.

Jekk l-applikazzjonijiet jiġu ppreżentati b'mod elettroniku u meta ċerti dokumenti jkollhom firem bl-idejn, l-applikant għandu jżomm u jipproduċi l-oriġinal, sħiħ jew parti minnu, fuq talba tas-servizzi tal-Parlament Ewropew u jibgħat dawk l-oriġinali fl-indirizz fiżiku li ġej:

President tal-Parlament Ewropew
Għall-attenzjoni tas- Sur Didier Kléthi, Direttur Ġenerali tal-Finanzi
ADENAUER 04T003
L-2929 il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

⁽⁸⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

12. Meta, skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni tal-Bureau tal-1 Lulju 2019, l-applikant jiġi mistieden mill-uffiċjal awtorizzanti b'delega biex jippreżenta d-dokumenti ġustifikattivi oriġinali jew kjarifiki fuq il-karta rigward l-applikazzjoni, l-applikant għandu juża l-indirizz fiżiku indikat fil-paragrafu 11. Dokumenti elettroniċi ffirmati bil-firma elektronika kwalifikata huma aċċettati wkoll, u għandhom jintbagħtu lill-mailbox funzjonali: fin.part.fond.pol@europarl.europa.eu.

Kwalunkwe korrisondenza oħra fir-rigward tal-applikazzjoni għandha tuża l-mailbox funzjonali indikata hawn fuq.

13. L-applikazzjonijiet li jitqiesu mhux kompluti jistgħu jiġu rrifjutati.

F. IL-KRITERJI GĦALL-EVALWAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONIJET GĦAL FINANZJAMENT

F.1 Il-kriterji ta' esklużjoni

14. L-applikanti għandhom jiġu esklużi mill-proċedura ta' finanzjament jekk ikunu:

- a) f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni msemmija fl-Artikoli 136(1), 136(2) jew 141 tar-Regolament Finanzjarju;
- b) soġġetti għal kwalunkwe sanzjoni prevista fl-Artikolu 27(1) u fil-punti (v), (vi) u (vii) tal-Artikolu 27(2)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.

F.2 Il-kriterji ta' eliġibbiltà

15. Sabiex ikunu eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni, l-applikanti jehtieglhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 17 u 18 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, jiġifieri l-applikant:

- a) jeħtieġlu jkun irregiżtrat mal-Awtorità għall-Partiti Poliċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Poliċi Ewropej ⁽⁹⁾ ("l-Awtorità"), f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014;
- b) jeħtieġlu jkun irrappreżentat fil-Parlament Ewropew minn mill-inqas Membru wieħed tal-Parlament Ewropew;
- c) jeħtieġlu jikkonforma mal-obbligi elenkati fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, jiġifieri jeħtieġlu li jkun issottometta d-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali ⁽¹⁰⁾, rapport tal-awditjar estern u l-lista tad-donaturi, kif speċifikat f'dan l-Artikolu;
- d) jeħtieġlu jikkonforma mal-obbligi elenkati fl-Artikolu 18(2a) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, jiġifieri jeħtieġlu li jkun issottometta l-evidenza li turi li l-partiti tal-UE membri tiegħu, b'mod ġenerali, ippubblikaw fis-siti web tagħhom, b'mod viżibbli b'mod ċar u faċli għall-utent, il-programm politiku u l-logo tal-partit politiku Ewropew għal perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2021 u t-30 ta' Settembru 2022.

16. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, sħubija ta' Membru tal-Parlament Ewropew f'diversi partiti poliċi Ewropej se tirriżulta fil-kunsiderazzjoni tal-Membru kkonċernat bħala membru ta' partit politiku Ewropew wieħed biss, li, fejn rilevanti, għandu jkun dak li l-partit politiku nazzjonali jew reġjonali tiegħu jkun affiljat miegħu fid-data finali għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għal finanzjament.

17. Il-partiti membri tal-partiti poliċi Ewropej huma mħeġġa jinkludu informazzjoni dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri fuq is-siti web tagħhom.

F.3 Il-kriterji tat-tehd tad-deċiżjoni u d-distribuzzjoni tal-finanzjament

18. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, l-appropriazzjonijiet disponibbli rispettivi għandhom jitqassmu kull sena. Dawn għandhom jitqassmu fost il-partiti poliċi Ewropej li l-applikazzjonijiet tagħhom għall-finanzjament ikunu ġew approvati fid-dawl tal-kriterji ta' eliġibbiltà u ta' esklużjoni, abbażi tal-formula ta' distribuzzjoni segwenti:

- a) 10 % se jitqassmu f'ishma ndaqg fost il-partiti poliċi Ewropej benefiċjarji;

⁽⁹⁾ Stabbilita skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1141/2014.

⁽¹⁰⁾ Sakemm l-applikant ma jkunx soġġett għall-kontroll taħt l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 (pereżempju: għadu kemm inħoloq)

- b) 90 % se jitqassmu fost il-partiti politiċi Ewropej benefiċjarji bi proporzjon mas-sehem tagħhom ta' membri eletti fil-Parlament Ewropew; skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament 1141/2014, Membru tal-Parlament Ewropew għandu jitqies bħala membru ta' partit politiku Ewropew wieħed biss, li, fejn rilevanti, għandu jkun il-partit li l-partit nazzjonali jew reġjonali tiegħu ikun affiljat miegħu fid-data finali għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-finanzjament.

G. KONTROLL KONDIVIŻ MILL-PARLAMENT EWROPEW U L-AWTORITÀ

19. L-Artikolu 24(1) u (2)⁽¹⁾ tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jipprevedi kontroll kondiviż bejn il-Parlament Ewropew u l-Awtorità.
20. Fejn, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, l-Awtorità għandha l-kompetenza li tiċċekkja l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-Parlament Ewropew se jibgħat l-applikazzjonijiet għal finanzjament lill-Awtorità.
21. Fl-istadi kollha tal-proċedura [ta' għoti], l-applikanti jibqgħu meħtieġa mill-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 li jipprovdu, fuq talba tal-Awtorità, kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-fini tat-twettiq tal-kontrolli li għalihom hija responsabbli. Din tista' tinkludi b'mod partikolari dokumentazzjoni jew kjarifiki addizzjonali għall-applikazzjonijiet għal finanzjament, li għandhom jiġu ppreżentati fil-format speċifikat mill-Awtorità.
22. L-Awtorità se tikkomunika r-risultat tal-kontrolli u l-verifiki tagħha lill-Parlament Ewropew.

H. TERMINI U KUNDIZZJONIJET

23. L-applikanti huma obbligati li jinnotifikaw lill-Parlament Ewropew dwar kwalunkwe bidla fir-rigward tad-dokumenti mressqa jew fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-applikazzjoni fi żmien ġimagħtejn minn tali bidla. Fin-nuqqas ta' tali notifika, l-uffiċjal awtorizzanti jista' jiddeċiedi abbażi tal-informazzjoni disponibbli, minkejja kwalunkwe informazzjoni pprovduta fi stadju iktar tard jew ippubblikata permezz ta' kanali oħra.
24. Rigward il-kundizzjoni li l-applikant ikompli jissodisfa l-kriterji għall-finanzjament, l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-applikant.
25. It-termini u l-kundizzjonijiet rigward il-finanzjament tal-Unjoni li għandu jingħata taħt din is-sejħa huma stabbiliti fl-Anness 1a tad-Deċiżjoni tal-Bureau tal-1 ta' Lulju 2019.
26. Kull applikant għandu jaċċetta t-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 25 ta' din is-sejħa, billi jiffirma l-formola ta' dikjarazzjoni annessa ma' din is-sejħa. Dawn it-termini u l-kundizzjonijiet jorbtu l-benefiċjarju li jingħatalu l-finanzjament u huma stabbiliti fil-ftehim ta' kontribuzzjoni.

I. KALENDARJU

27. L-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għal finanzjament hija t-30 ta' Settembru 2022.

⁽¹⁾ L-Artikolu 24(1)-(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 - Regoli ġenerali dwar il-kontroll:

"1. Il-kontroll tal-konformità mill-partiti politiċi Ewropej u mill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej mal-obbligi tagħhom taħt dan ir-Regolament għandhom jiġu eżerċitati, fkooperazzjoni, mill-Awtorità, mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew u mill-Istati Membri kompetenti.

2. L-Awtorità għandha tikkontrolla l-konformità tal-partiti politiċi Ewropej u mill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej mal-obbligi tagħhom taħt dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikolu 3, il-punti (a), (b) u (d) sa (f) tal-Artikolu 4(1), il-punti (a) sa (e) u (g) tal-Artikolu 5(1), l-Artikolu 9(5) u (6), u l-Artikoli 20, 21 u 22.

L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jikkontrolla l-konformità mill-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej tal-obbligi relatati mal-finanzjament mill-Unjoni taħt dan ir-Regolament skont ir-Regolament Finanzjarju. Fit-twettiq ta' tali kontrolli, il-Parlament Ewropew għandu jieħu l-miżuri meħtieġa fl-oqsma tal-prevenzjoni tal-frodi u tal-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni."

28. L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jadotta deċiżjoni fi żmien tliet xhur wara l-għeluq tas-sejħa għal kontribuzzjonijiet. Wara dik id-deċiżjoni, id-deċiżjonijiet individwali ffirmati mill-President tal-Parlament Ewropew jiġu nnotifikati lill-applikanti.
29. Huwa previst li f'Janar 2023, l-applikanti magħżula se jirċievu l-abbozz tal-ftehim ta' kontribuzzjoni li għandu jiġi ffirmat minnhom u li l-applikanti miċħuda se jiġu infurmati fl-istess ħin. Il-ftehim ta' kontribuzzjoni jista' jiġi ffirmat permezz ta' firma elettronika kwalifikata (QES). Il-ħlas tal-finanzjament minn qabel għandu jsir fi żmien 30 ġurnata mill-iffirmar sussegwenti tal-ftehim ta' kontribuzzjoni fisem il-Parlament Ewropew.

J. ŻVELAR U PPROĊESSAR TA' DATA PERSONALI

30. Il-Parlament Ewropew u l-Awtorità għandhom jipubblikaw, inkluż fuq l-internet, informazzjoni skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.
31. Kwalunkwe data personali miġbura fil-kuntest ta' din is-sejħa għandha tiġi pproċessata f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE ⁽¹²⁾ u skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.
32. Tali data għandha tkun ipproċessata għall-fini ta' evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għal finanzjament u ta' salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' trasferiment ta' din id-data lill-entitajiet responsabbli għat-twettiq tal-kompiti ta' verifika u awditjar skont il-liġi tal-Unjoni, bħas-servizzi tal-awditjar intern tal-Parlament Ewropew, l-Awtorità, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, jew l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).
33. Abbażi ta' talba bil-miktub, kwalunkwe persuna fiżika relatata mal-benefiċjarju tista' tingħata aċċess għad-data personali tagħha u tikkoreġi kwalunkwe data żbaljata jew mhux kompluta. It-talba li tirrigwarda l-ipproċessar tad-data personali tista' tiġi mressqa lid-Direttorat Ġenerali għall-Finanzi tal-Parlament Ewropew jew lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Parlament Ewropew. Il-persuna konċernata tista', f'kull ħin, tilmenta mal-Kontrollur Ewropew għall-Ħarsien tad-Data dwar dak li jirrigwarda l-ipproċessar tad-data personali tagħha.
34. Id-data personali tista' tiġi reġistrata fis-Sistema ta' Individwazzjoni u ta' Esklużjoni Bikrija mill-Parlament Ewropew, jekk il-benefiċjarju jkun f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 136(1) u 141 tar-Regolament Finanzjarju.

K. INFORMAZZJONI OĦRA

35. Kwalunkwe mistoqsija relatata ma' din is-sejħa għandha tintbagħat b'email, filwaqt li tiġi kkwotata r-referenza tal-pubblikazzjoni, lill-mailbox funzjonali li ġejja: fin.part.fond.pol@europarl.europa.eu
36. Il-leġiżlazzjoni bażika speċifikata fil-paragrafu 5(b) ta' din is-sejħa u l-formola ta' applikazzjoni għal finanzjament annessi ma' din is-sejħa huma disponibbli fuq is-sit tal-internet tal-Parlament Ewropew (<https://www.europarl.europa.eu/contracts-and-grants/mt/list-of-notices/>).

Anness: Formola ta' applikazzjoni għal finanzjament, inkluża l-formola ta' identifikazzjoni finanzjarja, id-dikjarazzjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet kif ukoll il-kriterji ta' esklużjoni, u l-mudell ta' baġit smat

⁽¹²⁾ ĠUL 295, 21.11.2018, p 39.

ANNEX a

FORMOLA TA' APPLIKAZZJONI GĦAL FINANZJAMENT

KONTRIBUZZJONIJIET ⁽¹⁾ LILL-PARTITI POLITIĊI EWROPEJ

GĦAS-SENA FINANZJARJA [DAHĦAL IS-SENA]

FIEX TIKKONSISTI L-APPLIKAZZJONI GĦAL FINANZJAMENT

It-tabella li ġejja hi maħsuba biex tgħinek fil-preparazzjoni tal-applikazzjoni għall-finanzjament tiegħek. Din tista' tintuża bħala checklist biex tiżgura li tkun inkludejt id-dokumenti meħtieġa kollha.

Numru tad-dokument	Dokumenti li jridu jiġu pprovduti	
	<i>Dokumenti li jridu jiġu pprovduti iżda li mhumiex inklużi f'dan il-mudell tal-applikazzjoni għal finanzjament</i>	
1.	Ittra ta' akkumpanjament b'indikazzjoni tal-ammont ta' kontribuzzjoni mitlub għas-sena finanzjarja n, iffirmata mir-rappreżentant legali	<input type="checkbox"/>
2.	Ittra ta' rappreżentant legali li tiċċertifika l-awtorizzazzjoni biex jitwettqu obbligi legali fisem l-applikant	<input type="checkbox"/>
3.	Lista tal-persuni li jkollhom poteri ta' rappreżentanza, teħid ta' deċiżjonijiet jew kontroll fuq l-organizzazzjoni applikanti, bħall-President, il-membri tal-Bord, is-Segretarju Ġenerali, it-Tezorer ⁽²⁾	<input type="checkbox"/>
4.	Prova ta' reġistrazzjoni mill-Awtorità fid-data tal-applikazzjoni għal finanzjament (unikament għall-applikanti li d-deċiżjoni għar-reġistrazzjoni għadha mhix disponibbli pubblikament għalihom, jiġifieri għadha ma ġietx ippubblikata fuq is-sit web tal-Awtorità jew f'Il-Ġurnal Uffiċjali)	<input type="checkbox"/>
5.	Lista tal-Membri tiegħu tal-Parlament Ewropew, bi prova aġġornata ta' sħubija u li tistabbilixxi l-isem, il-pajjiż tal-oriġini, l-affiljazzjoni diretta jew indiretta mal-partit politiku Ewropew ⁽³⁾ u isem il-partit nazzjonali jew reġjonali rilevanti ta' affiljazzjoni (jekk applikabbli) ⁽⁴⁾	<input type="checkbox"/>
6.	Evidenza li turi li l-partiti tal-UE membri tiegħu, b'mod ġenerali, ippubblikaw fis-siti web tagħhom, viżibbli b'mod ċar u faċli għall-utent, il-programm politiku u l-logo tal-partit politiku Ewropew għal perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2021 u t-30 ta' Settembru 2022.	<input type="checkbox"/>
7.	Unikament fil-każ ta' applikant ġdid li ma setax jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014: id-dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati l-aktar riċenti, imħejjija minn kontabilist professjonali	<input type="checkbox"/>
	<i>Dokumenti li jridu jiġu pprovduti u li huma inklużi f'dan il-mudell tal-applikazzjoni għal finanzjament</i>	

⁽¹⁾ Il-kategorija tal-finanzjament hija l-kontribuzzjoni lill-partiti politiċi Ewropej, skont it-Titolu XI tar-Regolament Finanzjarju (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

⁽²⁾ Pereżempju b'referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-istatuti tal-applikant, fejn applikabbli.

⁽³⁾ Għall-Membri tal-PE li huma affiljati ma' partit politiku Ewropew *direttament* fuq bażi individwali, trid tiġi pprovduta formola ta' sħubija għal kull Membru tal-PE ddikjarat mill-applikant. Għall-Membri tal-PE li huma affiljati ma' partit politiku Ewropew *indirettament* permezz tal-partit membru tagħhom, huma meħtieġa d-dokumenti li ġejjin: formola ta' sħubija għal kull partit membru, iffirmit minn persuna awtorizzata legalment biex tirrappreżenta lil dak il-partit membru jew, bħala alternattiva, prova ta' ħlas tal-miżata ta' sħubija għall-2022 fil-forma ta' trasferiment bankarju li joriġina minn kull partit membru jew, bħala alternattiva oħra, formola ta' sħubija mingħand kull Membru tal-PE ddikjarat mill-applikant. Mudell ta' formoli ta' sħubija għall-Membri tal-PE u l-partiti membri jista' jintalab mingħand l-Awtorità.

⁽⁴⁾ Jekk partit politiku Ewropew reċentement ipprova parti mid-dokumentazzjoni identifikata hawn fuq lill-Awtorità, il-PE mhux se jitlob li dik id-dokumentazzjoni tiġi pprovduta mill-ġdid. Madankollu, kull applikant għandu d-dmir li jistabbilixxi b'mod ċar, fl-applikazzjoni tiegħu għall-finanzjament, liema dokumentazzjoni pprova lill-Awtorità, u meta għamel dan.

Numru tad-dokument	Dokumenti li jridu jiġu pprovduti	
8.	Formola ta' identifikazzjoni finanzjarja (unikament fil-każ ta' applikant ġdid, jew fil-każ ta' bidliet fl-isem, l-indirizz jew kont bankarju)	<input type="checkbox"/>
9.	Dikjarazzjoni dwar il-kundizzjonijiet u t-termini ġenerali kif ukoll il-kriterji ta' esklużjoni	<input type="checkbox"/>
10.	Baġit proviżorju bbilanċjat	<input type="checkbox"/>

FORMOLA TA' IDENTIFIKAZZJONI FINANZJARJA

LEGAL ENTITY PRIVATE COMPANY	
Title / LEGAL FORM	<input type="text"/>
NAME (S)	<input type="text"/>
ABBREVIATION	<input type="text"/>
ADDRESS Street	<input type="text"/>
Number	<input type="text"/>
Postcode	<input type="text"/>
Town / City	<input type="text"/>
Country	<input type="text"/>
VAT-Number	<input type="text"/>
PLACE OF REGISTRATION	<input type="text"/>
PHONE	<input type="text"/>
FAX	<input type="text"/>
E-MAIL	<input type="text"/>
A copy of some official document showing the name of the legal entity, the registration address, the VAT number and the registration number given by the national authorities must be attached.	
ACCOUNT NAME	
ACCOUNT NAME <small>(The name under which the account has been opened)</small>	<input type="text"/>
ADDRESS Street	<input type="text"/>
Number	<input type="text"/>
Postcode	<input type="text"/>
Town / City	<input type="text"/>
Country	<input type="text"/>
BANK	
IBAN <small>(Obligatory, if the IBAN Code exists in the country where your bank is established)</small>	<input type="text"/>
SWIFT CODE (BIC)	<input type="text"/>
CURRENCY	<input type="text"/>
ACCOUNT NUMBER <small>(National Format)</small>	<input type="text"/>
BANK NAME	<input type="text"/>
ADDRESS Street	<input type="text"/>
Number	<input type="text"/>
Postcode	<input type="text"/>
Town / City	<input type="text"/>
Country	<input type="text"/>
BANK STAMP + SIGNATURE OF BANK REPRESENTATIVE :	<input type="text"/>
DATE + SIGNATURE OF ACCOUNT HOLDER <small>(Obligatory)</small>	<input type="text"/>
* It is preferable to attach a copy of recent bank statement. Please note that the bank statement has to provide all the information listed above under 'ACCOUNT NAME' and 'BANK'. In this case, the stamp of the bank and the signature of the bank's representative are not required. The signature of the account-holder is obligatory in all cases.	

DIKJARAZZJONI DWAR IL-KUNDIZZJONIJET U T-TERMINI ĠENERALI U DWAR IL-KRITERJI TA' ESKLUŻJONI

Jiena, hawn taħt iffirmit, ir-rappreżentant legali ta' [daħħal l-isem tal-applikant] niċċertifika li:

- qrajt il-Kundizzjonijiet u t-Termini Ġenerali kif stipulat fil-mudell tal-ftehim ta' kontribuzzjoni u naqbel magħhom;
- l-applikant ma jinsabx f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 136(1)(*) u 141(*) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Ir-Regolament Finanzjarju")⁽³⁾,
- l-applikant mhux soġġett għal kwalunkwe sanzjoni prevista fl-Artikolu 27(1)(*) u fil-punti (v), (vi) u (vii) tal-Artikolu 27(2)(a)(*) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁴⁾,
- l-informazzjoni mogħtija f'din l-applikazzjoni kif ukoll fl-annessi tagħha hija preċiża u ebda informazzjoni, kollha jew parti minnha, ma nżammet moħbija mill-Parlament Ewropew.

Firma awtorizzata:

Titlu (Sa, Sur, Prof ...), kunjom u isem:	
Funzjoni fl-organizzazzjoni li qed tapplika għal finanzjament:	
Post/Data:	
Firma:	

(*) L-Artikoli elenkati hawn fuq hemm referenza għalihom hawn taħt:

Artikolu 136(1) tar-Regolament Finanzjarju

L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli għandu jeskludi lil persuna jew lil entità msemmija fl-Artikolu 135(2) milli tieħu sehem fi proċeduri ta' għoti rregolati minn dan ir-Regolament jew milli tingħażel sabiex timplimenta fondi tal-Unjoni fejn dik il-persuna jew entità tkun tinsab f'waħda jew iżjed mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni:

- (a) il-persuna jew l-entità tkun falliet, tkun soġġetta għal proċeduri ta' insolvenza jew ta' stralċ, ikollha l-assi tagħha qed jiġu amministrati minn likwidatur jew minn qorti, tkun tinsab fi ftehim ma' kredituri, ikollha l-attivitajiet kummerċjali tagħha sospiżi, jew tkun qiegħda fi kwalunkwe sitwazzjoni analoga li tirriżulta minn proċedura simili prevista taħt il-liġi tal-Unjoni jew taħt il-liġi nazzjonali;
- (b) ikun ġie stabbilit b'sentenza finali jew b'deċizzjoni amministrattiva finali li l-persuna jew l-entità tkun qiegħda tikser l-obbligi tagħha relatati mal-pagament tat-taxxi jew tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali skont il-liġi applikabbli;
- (c) ikun ġie stabbilit permezz ta' sentenza finali jew permezz ta' deċizzjoni amministrattiva finali li l-persuna jew l-entità hija ħatja ta' mġiba professjonali ħażina serja billi tkun kisret il-liġijiet jew ir-regolamenti jew l-istandards etiċi applikabbli tal-professjoni li tappartjeni għaliha l-persuna jew l-entità, jew billi tkun involuta fi kwalunkwe aġir illegali li għandu impatt fuq il-kredibbiltà professjonali tagħha fejn dan it-tip ta' aġir jindika intenzjoni ħażina jew negliġenza serja, fosthom, b'mod partikolari, kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:
 - (i) rappreżentazzjoni ħażina b'mod frodulenti jew b'negliġenza ta' informazzjoni meħtieġa għall-verifika tan-nuqqas ta' raġunijiet għall-esklużjoni jew għall-adempiment tal-kriterji ta' eliġibbiltà jew tal-għażla jew fl-implimentazzjoni tal-impenn legali;
 - (ii) id-dħul fi ftehim ma' persuni jew ma' entitajiet oħrajn bl-għan li tiġi kkawżata distorsjoni tal-kompetizzjoni;
 - (iii) il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;
 - (iv) it-tentattiv li jiġi influwenzat il-proċess ta' teħid ta' deċizzjonijiet tal-uffiċjal awtorizzanti responsabbli matul il-proċedura ta' għoti;
 - (v) it-tentattiv li tinkiseb informazzjoni kunfidenzjali li tista' tagħtiha vantaġġi mhux xierqa fil-proċedura ta' għoti;

⁽³⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1.

- (d) ikun ġie stabbilit permezz ta' sentenza finali li l-persuna tkun ħatja ta' kwalunkwe minn dawn li ġejjin:
- (i) frodi, fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, imfassla mill-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 1995;
 - (ii) korruzzjoni, kif definita fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva (UE) 2017/1371 jew korruzzjoni attiva fis-sens tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imfassla mill-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 1997, jew aġir imsemmi fl-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/ĠAI, jew korruzzjoni kif iddefinita fl-igġijiet applikabbli oħrajn;
 - (iii) imġiba relatata ma' organizzazzjoni kriminali, kif imsemmija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI;
 - (iv) ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu fis-sens tal-Artikolu 1(3), (4) u (5) tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
 - (v) reati terroristiċi jew reati marbuta ma' attivitajiet terroristiċi, kif definiti fl-Artikoli 1 u 3 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI, rispettivament, jew inċitament, għajnuna, tixwix jew tentattivi għat-twettiq ta' tali reati, kif imsemmija fl-Artikolu 4 ta' dik id-Deċiżjoni;
 - (vi) tħaddim tat-tfal jew reati oħra li jikkonċernaw it-traffikar tal-bnedmin kif imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- (e) il-persuna jew l-entità tkun uriet nuqqasijiet sinifikanti ta' konformità mal-obbligi ewlenin fl-implimentazzjoni ta' impenn legali iffinanzjat mill-baġit, li jkunu:
- (i) wasslu għat-terminazzjoni bikrija ta' impenn legali;
 - (ii) wasslu għall-applikazzjoni ta' danni likwidati jew penali kuntrattwali oħrajn; jew
 - (iii) ġew skoperti minn uffiċjal awtorizzanti, mill-OLAF jew mill-Qorti tal-Awdituri wara verifiki, awditjar jew investigazzjonijiet;
- (f) ikun ġie stabbilit permezz ta' sentenza finali jew permezz ta' deċiżjoni amministrattiva finali li l-persuna jew l-entità tkun wettqet irregolarità fis-sens tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95;
- (g) ikun ġie stabbilit permezz ta' sentenza finali jew deċiżjoni amministrattiva finali li l-persuna jew entità ħolqot entità f'ġuriżdizzjoni differenti bil-ħsieb li jiġu evitati obbligazzjonijiet fiskali, soċjali jew kwalunkwe obbligazzjoni legali oħra fil-ġuriżdizzjoni tal-uffiċċju rreġistrat, amministrazzjoni ċentrali jew post prinċipali tan-negozju tagħha;
- (h) ikun ġie stabbilit permezz ta' sentenza finali jew deċiżjoni amministrattiva finali li entità tkun inħolqot bil-ħsieb imsemmi fil-punt (g).

Artikolu 141(1) tar-Regolament Finanzjarju:

L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli għandu jiċħad minn proċedura ta' għoti lil parteċipant li:

- (a) ikun f'sitwazzjoni ta' esklużjoni stabbilita f'konformità mal-Artikolu 136;
- (b) ikun irrappreżenta ħażin l-informazzjoni meħtieġa bħala kundizzjoni għall-parteċipazzjoni fil-proċedura jew naqas milli jipprovdi dik l-informazzjoni;
- (c) qabel kien involut fit-tnejja tad-dokumenti użati fil-proċedura ta' għoti fejn dan ikun jinvolvi ksur tal-prinċipju ta' trattament indaqs, inkluża distorsjoni tal-kompetizzjoni, li ma jistax jiġi rimedjata b'xi mod ieħor.

Skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, l-applikant ma jistax ikun soġġett għal xi waħda mis-sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 27(1) u fil-punti (a)(v), (vi) u (vii) tal-Artikolu 27(2).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 - l-Artikolu 27(1):

Skont l-Artikolu 16, l-Awtorità għandha tiddeċiedi li tneħħi partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea mir-Reġistru bħala sanzjoni fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- (a) meta l-partit jew il-fondazzjoni in kwistjoni jkunu nstabu permezz ta' sentenza li jkollha s-saħħa ta' res judicata li ingaġġaw f'attivitajiet illegali ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif definiti fl-Artikolu 106(1) tar-Regolament Finanzjarju;
- (b) meta jiġi stabbilit, skont il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 10(2) sa (5), li ma jkunux għadhom jissodisfaw waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 3(1) jew 3(2);
- (ba) meta d-deċiżjoni għar-reġistrazzjoni tal-partit jew tal-fondazzjoni in kwistjoni tkun ibbażata fuq informazzjoni żbaljata jew qarrieqa li għaliha jkun responsabbli l-applikant, jew meta tali deċiżjoni tkun inkisbet b'qerq; jew
- (c) meta talba ta' Stat Membru li jsir qtugħ mir-reġistru għal raġunijiet ta' nuqqas serju li jitwettqu l-obbligi skont il-liġi nazzjonali tkun tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-punt (b) tal-Artikolu 16(3).

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 - Artikolu 27(2)(a)(v), (vi) u (vii):

L-Awtorità għandha timponi sanzjonijiet finanzjarji fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) ksur mhux kwantifikabbli:

- (v) meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunu instabu permezz ta' sentenza li jkollha s-saħħa ta' res judicata li jkunu ingaġġaw f'attivitajiet illegali li huma ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif definiti fl-Artikolu 106(1) tar-Regolament Finanzjarju;
- (vi) meta l-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati jkunu fi kwalunkwe ħin bi ħsieb naqsu milli jagħtu informazzjoni jew bi ħsieb taw informazzjoni mhix korretta jew qarrieqa, jew fejn l-entitajiet awtorizzati minn dan ir-Regolament biex jawditjaw jew iwettqu kontrolli fuq il-benefiċjarji tal-finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jsibu ineżattezzi fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali li jitqiesu li jikkostitwixxu nuqqasijiet materjali jew dikjarazzjonijiet mhux korretti ta' entrati skont l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002;
- (vii) meta, f'konformità mal-proċedura ta' verifika prevista fl-Artikolu 10a, jiġi stabbilit li partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunu influwenzaw, jew ippruwaw jinfluwenzaw, deliberatament l-eżitu tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew billi jkunu hađu vantaġġ minn ksur tar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni ta' data personali.

ANNEX b

BAĠIT STMAT

Nefqa			Dħul		
Nefqa rimborżabbli	Baġit	Reali		Baġit	Reali
A.1: Spejjeż tal-persunal 1. Salarji 2. Kontribuzzjonijiet 3. Taħriġ professjonali 4. Spejjeż tal-missjonijiet tal-persunal 5. Spejjeż oħra tal-persunal			D.1-1. Finanzjament tal-Parlament Ewropew riportat mis-sena N-1	Mhux Applikabbli	
			D.1-2. Finanzjament tal-Parlament Ewropew mogħti għas-sena N		
			D.1. Finanzjament tal-Parlament Ewropew użat biex ikopri 90 % tan-nefqa rimborżabbli fis-sena N		
			D.2 Kontribuzzjonijiet tal-membri		
			2.1 mill-partiti membri 2.2 mill-membri individwali		
A.2: Spejjeż tal-infrastruttura u tal-operat 1. Kera, imposti u spejjeż ta' manutenzjoni 2. Spejjeż relatati mal-installazzjoni, l-operat u l-manutenzjoni tal-apparat 3. Deprezzament ta' proprjetà mobbli u immobbli 4. Kartolerija u provvisti tal-uffiċċju 5. Imposti tal-posta u tat-telekomunikazzjonijiet 6. Spejjeż għall-istampar, it-traduzzjoni u r-riproduzzjoni 7. Spejjeż oħra tal-infrastruttura			D.3 Donazzjonijiet		
			D.4 Riżorsi proprji oħra		
			(li jridu jiġu speċifikati)		
A.3: Spejjeż amministrattivi 1. Spejjeż ta' dokumentazzjoni (ġurnali, aġenziji tal-istampa, bażijiet tad-data) 2. Spejjeż ta' studji u ta' riċerka 3. Spejjeż legali 4. Spejjeż ta' kontabbiltà u awditjar 5. Spejjeż amministrattivi mix-xellanji 6. Appoġġ lil entitajiet assoċjati					
A.4: Spejjeż ta' laqgħat u ta' rappreżentanza 1. Spejjeż ta' laqgħat 2. Parteċipazzjoni f'seminars u konferenzi					

Nefqa			Dħul		
3. Spejjeż ta' rappreżentanza 4. Spejjeż ta' stedinet 5. Spejjeż oħra relatati ma' laq- għat					
A.5: Spejjeż marbuta ma' informazzjoni u pubblikazzjoni 1. Spejjeż tal-pubblikazzjoni 2. Hoġqien u tħaddim ta' siti tal-Internet: 3. Spejjeż ta' pubbliċità 4. Tagħmir tal-komunikazzjoni ("gadgets") 5. Seminars u wirjiet 6. Kampanji elettorali 7. Spejjeż oħra relatati mal-informazzjoni					
A. TOTAL TAN-NEFQA RIMBORŻABBLI					
Nefqa mhux rimborżabbli 1. Allokazzjonijiet għal provvedimenti oħra 2. Imposti finanzjarji 3. Telf mill-kambju 4. Pretensjonijiet dubjużi fuq partijiet terzi 5. Oħrajn (li jridu jiġu speċifikati) 6. Kontribuzzjonijiet <i>in natura</i>					
B. TOTAL TAN-NEFQA MHUX RIMBORŻABBLI			D.5 Kontribuzzjonijiet <i>in natura</i>		
C. NEFQA TOTALI			D: DĦUL TOTALI		
			E. Profitt/Telf (D-C)		
F. Allokazzjoni ta' riżorsi proprji għall-kont ta' riserva					
G. Profitt/Telf biex tiġi vverifikata l-osservanza tar-regola ta' ebda profitt (E-F)					
H. Imgħax mill-prefinanzjament					
I. Finanzjament tal-Parlament Ewropew riportat għas-sena N+1					

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Publikazzjoni ta' komunikazzjoni ta' approvazzjoni ta' emenda standard għall-Ispesifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid, kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/33

(2022/C 203/05)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ⁽¹⁾.

KOMUNIKAZZJONI TA' EMENDA STANDARD LI TIMMODIFIKA D-DOKUMENT UNIKU

Achterhoek – Winterswijk**PDO-NL-02402-AM01****Data tal-komunikazzjoni: 22.2.2022****DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U R-RAĠUNIJET GĦALIHA****1. Żdiedu żewġ varjetajiet, Chardonnay (B) u Cabaret Noir (N), mal-lista tal-varjetajiet**

Il-produtturi jużaw il-varjetajiet Chardonnay (B) (*Vitis vinifera*) u Cabaret Noir (N) (taħlita bejn *Vitis vinifera* u speċijiet oħra tal-ġeneru *Vitis*) fil-produzzjoni, kif inhu possibbli skont l-OKS li ggeddedt reċentement. Iż-żewġ varjetajiet issa żdiedu mal-lista tal-varjetajiet tad-dwieli.

Sabiex tiġi riflessa l-prattika reali u minħabba li l-OKS li ggeddedt reċentement tippermetti l-użu ta' varjetajiet tad-dwieli li jirriżulta mit-taħlit ta' *Vitis vinifera* u speċijiet oħra tal-ġeneru *Vitis*, il-varjetajiet Chardonnay (B) u Cabaret Noir (N) żdiedu mal-lista tal-varjetajiet tad-dwieli.

Il-varjetajiet Cabaret Noir (N) u Chardonnay (B) żdiedu wkoll fid-deskrizzjoni, taħt id-diversi kategoriji/tipi ta' nbid rilevanti:

Il-varjetà Cabaret Noir (N) żdiedet għall-inbejjed li ġejjin:

Inbid tal-kategorija 1: INBID: inbid aħmar, xott, b'togħma ta' frott jew ħelwa

Inbid tal-kategorija 1: INBID: inbid aħmar, imqaddem fil-btieti

Inbid tal-kategorija 1: INBID: inbid rożè, b'togħma qawwija ta' frott

Inbid tal-kategorija 3: INBID LIKUR, aħmar

Inbid tal-kategorija 9: INBID SEMIFRIZZANTI bil-gass, rożè

Il-varjetà Chardonnay (B) żdiedet għall-inbejjed li ġejjin:

Inbid tal-kategorija 1: INBID: inbid abjad, xott, b'togħma ta' frott jew ħelwa

Inbid tal-kategorija 1: INBID: inbid abjad, imqaddem fil-btieti

Inbid tal-kategorija 1: INBID: inbid rożè, b'togħma qawwija ta' frott

Inbid tal-kategorija 5: INBID FRIZZANTI TA' KWALITÀ, abjad

Inbid tal-kategorija 9: INBID SEMIFRIZZANTI bil-gass, rożè

⁽¹⁾ ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2.

Inbid tal-kategorija 15: INBID minn ġheneb imqadded, abjad

Inbid tal-kategorija 16: INBID minn ġheneb misjur iżżejjed, abjad

2. **Emenda biex tiġi riflessa l-prattika attwali**

Deskrizzjoni

Is-sentenza li ġeġja żdiedet mal-Inbid tal-kategorija 5: Inbid frizzanti ta' kwalità, abjad, b'toġhma qawwija ta' frott, bħala żieda mal-proċess tal-produzzjoni tal-inbid:

Il-produzzjoni ta' *blanc de noir* minn ġheneb li jagħti nbid aħmar.

Raġuni

Fid-dawl tal-prattika attwali fil-produzzjoni tal-inbid frizzanti ta' kwalità abjad u b'toġhma qawwija ta' frott, l-użu ta' Pinotin (N) fil-produzzjoni ta' *blanc de noir* minn ġheneb li jagħti nbid aħmar żdied mal-proċess.

Formulazzjoni qadima:

Inbid tal-kategorija 5: Inbid frizzanti ta' kwalità, abjad, b'toġhma qawwija ta' frott

Fermentazzjoni kiesħa f'temperatura taħt it-18 °C (eċċezzjoni: it-temperatura tiżdied fil-bidu tal-fermentazzjoni għall-inbejjed li huma diffiċli li jiġu ffermentati)

It-tieni fermentazzjoni fil-flixxun, permezz tal-metodu tradizzjonali

Formulazzjoni ġdida:

Inbid tal-kategorija 5: Inbid frizzanti ta' kwalità, abjad, b'toġhma qawwija ta' frott

Il-produzzjoni ta' *blanc de noir* minn ġheneb li jagħti nbid aħmar.

Fermentazzjoni kiesħa f'temperatura taħt it-18 °C (eċċezzjoni: it-temperatura tiżdied fil-bidu tal-fermentazzjoni għall-inbejjed li huma diffiċli li jiġu ffermentati)

It-tieni fermentazzjoni fil-flixxun, permezz tal-metodu tradizzjonali

3. **Emenda biex tiġi riflessa l-prattika attwali**

Deskrizzjoni

Fit-Taqsima 3.1, Dettalji tal-verifika, tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, id-dettalji tal-verifika ġew adattati għall-prattika attwali.

Għall-ittestjar organolettiku, sar ftehim mal-Uffiċċju Ġermaniż tal-Vitikultura biex dan tal-aħħar iwettaq l-ittestjar permezz tal-ittestjar stabbilit tal-inbid ta' kwalità.

Raġuni

Kull inbid tad-DOP irid jikseb ir-riżultat minimu stabbilit għalih fl-ittestjar organolettiku. Filwaqt li fil-bidu kienet biss l-Awtorità Netherlandiża dwar is-Sikurezza tal-Ikel u tal-Prodotti għall-Konsumatur (*Nederlandse Voedsel- en Warenautoriteit*, NVWA), li nħatret bħala l-awtorità superviżorja responsabbli għall-monitoraġġ ta' dan l-ittestjar, issa saru arranġamenti biex l-ittestjar jitwettaq mill-Uffiċċju Ġermaniż tal-Vitikultura, li għandu fis-seħħ il-proċeduri kollha għall-ittestjar ikkontrollat tal-inbejjed ta' kwalità. L-NVWA għadha l-awtorità superviżorja għall-inbejjed tad-DOP, bħal qabel.

Formulazzjoni qadima:

Mill-inqas verifika waħda (kumpanija waħda) fis-sena għad-DOP "Achterhoek – Winterswijk", li kemm jista' jkun għandha tingħaqad ma' żjarat ta' spezzjoni regolari għall-inbid (jew verifiki regolari oħra mill-NVWA).

Verifika amministrattiva għall-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott (u rekwiżiti legali oħra).

L-ittestjar huwa obligatorju għad-DOP "Achterhoek – Winterswijk". Il-kumpaniji jeħtieġ li jkollhom kampjuni ta' kull inbid ittestjati minn laboratorju ċċertifikat (fin-Netherlands jew f'pajjiż ieħor – għandha tiġi pprovduta lista ta' għadd limitat ta' laboratorji lill-NVWA u din għandha tiġi approvata minnha). L-NVWA timmonitorja dan (permezz ta' kontrolli amministrattivi) u tieġu kontrokampjuni għal għarrieda għall-analiżi fil-laboratorju tal-NVWA.

Kull inbid tad-DOP għandu jsirli ttestjar organolettiku. Il-kumpaniji involuti fil-produzzjoni ta' DPO jorganizzaw l-ittestjar organolettiku huma stess fi żminijiet differenti li jridu jiġu ddeterminati minnhom, billi jużaw il-lista ta' (20-30) persuna kkwalifikata (li għandhom jiġu pprovduti mill-kumpaniji) u metodi li għandhom jiġu approvati mill-NVWA. Il-kumpaniji javżaw lill-NVWA bid-dati tal-ittestjar organolettiku. L-NVWA tkun preżenti għal kampjun tat-testijiet u timmonitorja l-progress tagħhom.

Formulazzjoni ġdida:

Sabiex tiġi ggarantita l-kwalità tal-inbejjed miż-żona ta' oriġini "Achterhoek – Winterswijk", l-inbejjed kollha ttikkettati bħala nbejjed tad-DOP "Achterhoek – Winterswijk" iridu jikkonformaw mal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott u għaldaqstant:

1. mal-karatteristiċi analitiċi (Taqsim 2.4.2.1)

Kull vinja hija meħtieġa tieġu kampjun ta' kull inbid u tagħmel l-arranġamenti biex jiġi analizzat fl-laboratorju ċċertifikat tal-UE (fin-Netherlands jew f'pajjiż ieħor);

2. mal-ittestjar organolettiku

L-inbejjed kollha jrid isir ilhom ittestjar organolettiku, fejn iridu jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi biex jiġu ttikkettati bħala nbid tad-DOP.

Is-sid tal-fajl tad-DOP juża l-metodu applikabbli għall-inbejjed tad-DOP tan-Netherlands fir-rigward tal-ittestjar organolettiku (ara s-sit web tal-Aġenzija Netherlandiża għall-Intrapriżi), jiddetermina r-riżultat minimu għal inbid tad-DOP u javża lill-NVWA (eus@nvwa.nl);

3. mal-kundizzjonijiet l-oħra tal-Ispesifikazzjoni, bħall-prattiki enoloġiċi, ir-rendiment massimu, eċċ.

Verifika tal-NVWA

Sabiex tiżgura u tivverifika din il-kwalità, l-NVWA se taġixxi bħala awtorità superviżorja. Dan ifisser li jiġu segwiti l-proċeduri li ġejjin:

1. Il-Vinji tad-DOP iżommu fajl li jkun fih ir-riżultati tal-ittestjar analitiku u organolettiku tal-inbejjed li għalihom saret applikazzjoni għal DOP jew li nġhatatilhom DOP, inklużi l-karatteristiċi tal-inbejjed ikkċernati (il-varjetajiet tad-dwieli, il-vinja, eċċ.). L-NVWA tista' tuża l-fajl biex tivverifika l-inbejjed.

2. Il-verifiki għad-DOP "Achterhoek – Winterswijk" jitwettqu mill-NVWA. Dawn il-verifiki tal-NVWA kemm jista' jkun se jingħaqdu ma' żjarat ta' spezzjoni regolari għall-inbid (jew verifiki regolari oħra tal-NVWA). Waqt dawn iż-żjarat, isiru verifiki biex jiġi ddeterminat jekk l-inbejjed jikkonformawx:

a. mal-karatteristiċi analitiċi. Il-valuri analitiċi tal-inbejjed iridu jikkonformaw mal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott. L-NVWA tieġu kontrokampjuni għal għarrieda biex jiġu analizzati fil-laboratorju tal-NVWA;

b. mad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott, bħall-prattiki enoloġiċi xierqa (Taqsim 2.4.2.2) u kundizzjonijiet oħra;

c. mar-riżultat minimu meħtieġ tal-ittestjar organolettiku.

4. **Emenda biex tiġi riflessa l-prattika**

Deskrizzjoni

Ir-rendiment massimu ta' Johanniter (B) għall-għeneb imqadded (20 ettoltru għal kull ettaru) u għall-għeneb misjur iżżejjed (40 ettoltru għal kull ettaru) jitħassar mit-Taqsim 1.5.2 tad-Dokument Uniku.

Raġuni

L-għeneb tal-varjetà Johanniter (B) ma jintużax għall-inbid minn għeneb imqadded u/jew għall-inbid minn għeneb misjur iżżejjed.

It-test relatat mar-rendimenti massimi ta' Johanniter (B) fir-rigward tal-għeneb imqadded u l-għeneb misjur iżżejjed għalhekk tħassar mit-Taqsim 1.5.2 tad-Dokument Uniku.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/ismijiet għar-reġistrazzjoni**

Achterhoek – Winterswijk

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

DOP – Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

3. Inbid likur

5. Inbid frizzanti ta' kwalità

9. Inbid semifrizzanti bil-gass

15 . Inbid minn għeneb imqadded

16 . Inbid minn għeneb misjur iżżejjed

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**1. *Inbid tal-kategorija 1: INBID: inbid aħmar, xott, b'togħma ta' frott jew ħelwa*

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Varjetajiet ta' għeneb: Regent (N), Pinotin (N), Acolon (N), Cabertin (N), Cabernet Cortis (N), Monarch (N), Cabaret Noir (N) jew *coupage* tagħhom. Proprjetajiet organolettiċi: Kulur: aħmar skur, skont it-taħlita tal-varjetajiet. Aroma: frott aħmar skur bħall-frott tal-foresti, it-tut u ċ-ċirasa. L-aroma speċifika tiddependi fuq it-taħlita tal-varjetajiet. Togħma: aromi ta' frott fin għal inbid aċċessibbli, li jinkludi t-tannini. Karatteristiċi analitiċi: Il-kontenut taz-zokkor tal-inbid xott u b'togħma ta' frott huwa bejn 0,5 u 6 grammi/litru. L-inbejjed ħomor ħelwin għandhom kontenut ta' zokkor ta' bejn 15 u 30 gramma/litru. Il-karatteristiċi ta' hawn taħt li għalihom ma huwa speċifikat l-ebda valur huma konformi mal-limiti stabbiliti fir-Regolamenti tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	10,5
Aċidità totali minima	63,84 milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

2. *Inbid tal-kategorija 1: INBID: inbid aħmar, imqaddem fil-btieti*

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Varjetajiet ta' għeneb: Regent (N), Pinotin (N), Acolon (N), Cabertin (N), Cabernet Cortis (N), Monarch (N), Cabaret Noir (N) jew *coupage* tagħhom. Proprjetajiet organolettiċi: Kulur: aħmar intens, skont it-taħlita tal-varjetajiet. Aroma: frott aħmar skur bħall-frott tal-foresti, it-tut u ċ-ċirasa. L-aroma speċifika tiddependi fuq it-taħlita tal-varjetajiet. Togħma: inbejjed robusti bi ħjiel ta' vanilla, ibbażati fuq struttura ta' tannini misjura. Karatteristiċi analitiċi: L-inbid għandu kontenut ta' zokkor ta' bejn 0,5 u 6 grammi/litru. Il-karatteristiċi ta' hawn taħt li għalihom ma huwa speċifikat l-ebda valur huma konformi mal-limiti stabbiliti fir-Regolamenti tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	11,5
Aċidità totali minima	63,84 milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f milligrammi għal kull litru)	

3. Inbid tal-kategorija 1: INBID: inbid abjad, xott, b'togħma ta' frott jew ħelwa

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Varjetajiet ta' għeneb: Johanniter (B), Sauvignier Gris (Rs), Solaris (B), Merzling (B), Chardonnay (B) jew a *coupage* ta' dawk il-varjetajiet. Proprjetajiet organolettiċi: Kulur: bejn isfar lewn it-tiben u isfar lewn id-deheb, skont it-taħlita. Aroma: għall-inbejjed Solaris u Merzling: frott tropiku; l-inbejjed Johanniter u Sauvignier Gris għandhom aroma ta' frott misjur, bħat-tuffieħ isfar, filwaqt li Chardonnay (B) għandu aromi ta' frott (bettieħ abjad, berquq u ananas misjur) u vanilla meta jitqaddem fi btieti tal-injam. Togħma: ta' frott u friska, l-inbejjed Johanniter fihom ħjiel ta' Riesling, parzjalment minħabba l-aċidità tagħhom, filwaqt li l-inbejjed Sauvignier Gris huma aktar robusti. L-inbejjed Solaris għandhom aċidità rifreskanti u l-inbejjed Merzling jikkombinaw il-ħlewwa ma' togħma ta' frott aċiduż. Chardonnay (B) jipproduċi nbejjed robusti. Karatteristiċi analitiċi: kontenut ta' zokkor tal-inbid xott: bejn 1 u 8 grammi/litru; kontenut ta' zokkor fl-inbid ħelu: bejn 15 u 30 gramma/litru. Il-karatteristiċi ta' hawn taħt li għalihom ma huwa speċifikat l-ebda valur huma konformi mal-limiti stabbiliti fir-Regolamenti tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	10,5
Aċidità totali minima	77,14 milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f milligrammi għal kull litru)	

4. Inbid tal-kategorija 1: INBID: inbid abjad, imqaddem fil-btieti

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Varjetajiet ta' għeneb: Solaris (B), Chardonnay (B). Proprjetajiet organolettiċi: Kulur: isfar lewn id-deheb. Aroma: fwieħa ta' frott nattiv u frott tropikali bħall-mango jew ananas misjur. Togħma: freskezza aċiduża. Il-btieti jagħtu lill-inbid il-ħjiel tal-injam u t-togħma kremuża tiegħu. Karatteristiċi analitiċi: L-inbid għandu kontenut ta' zokkor ta' bejn 15 u 30 gramma/litru. Il-karatteristiċi ta' hawn taħt li għalihom ma huwa speċifikat l-ebda valur huma konformi mal-limiti stabbiliti fir-Regolamenti tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	10,5
Aċidità totali minima	77,14 milliekwivalenti għal kull litru

Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

5. *Inbid tal-kategorija 1: INBID: inbid rożè, b'toġhma qawwija ta' frott*

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Varjetajiet ta' għeneb: Regent (N), Pinotin (N), Acolon (N), Cabertin (N), Cabernet Cortis (N), Monarch (N), Cabaret Noir (N) jew *coupage* tagħhom, possibbilment anke ma' Solaris (B) / Johanniter (B) / Chardonnay (B). Proprjetajiet organolettiċi: Kulur: roża lewn is-salamun. Aroma: ta' frott aħmar kemxejn ħelu. Toġhma: ta' frott, ta' karattru kemxejn ħelu, b'toġhma sħiħa. Karatteristiċi analitiċi: L-inbid għandu kontenut ta' zokkor ta' bejn 3 u 10 grammi/litru. Il-karatteristiċi ta' hawn taħt li għalihom ma huwa speċifikat l-ebda valur huma konformi mal-limiti stabbiliti fir-Regolamenti tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	10
Aċidità totali minima	63,84 milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

6. *Inbid tal-kategorija 3: INBID LIKUR, aħmar*

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Varjetajiet ta' għeneb: Regent (N), Pinotin (N), Acolon (N), Cabertin (N), Cabaret Noir (N) jew *coupage* tagħhom. Proprjetajiet organolettiċi: Kulur: aħmar. Aroma: ħelwa, ta' ribes iswed, ftit pikkanti. Toġhma: pikkanti, b'bilanċ tajjeb bejn il-ħlewwa u l-aċidità tal-frott. Karatteristiċi analitiċi: L-inbid għandu kontenut ta' zokkor ta' bejn 50 u 100 gramma/litru. Il-karatteristiċi ta' hawn taħt li għalihom ma huwa speċifikat l-ebda valur huma konformi mal-limiti stabbiliti fir-Regolamenti tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	18
Aċidità totali minima	63,84 milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

7. *Inbid tal-kategorija 5: INBID FRIZZANTI TA' KWALITÀ, abjad*

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Varjetajiet ta' għeneb: Johanniter (B), Sauvignier Gris (Rs), Solaris (B), Chardonnay (B), Pinotin (N) *blanc de noir* jew *coupage* ta' dawk il-varjetajiet. Proprjetajiet organolettiċi: Kulur: abjad. Aroma: tat-tuffieħ, taċ-ċitru. Toġhma: ta' frott, friska bi bżieža q'żgħar, kemxejn robusti. Karatteristiċi analitiċi: L-inbid għandu kontenut ta' zokkor ta' bejn 5 u 16-il gramma/litru. Il-karatteristiċi ta' hawn taħt li għalihom ma huwa speċifikat l-ebda valur huma konformi mal-limiti stabbiliti fir-Regolamenti tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	10,5
Aċidità totali minima	79,8 milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f milligrammi għal kull litru)	

8. *Inbid tal-kategorija 9: INBID SEMIFRIZZANTI bil-gass, rożè*

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Varjetajiet ta' għeneb: Regent (N), Pinotin (N), Acolon (N), Cabertin (N), Cabernet Cortis (N), Monarch (N), Cabaret Noir (N) jew *coupage* tagħhom, possibbilment anke ma' Solaris (B) / Johanniter (B) / Chardonnay (B). Proprjetajiet organolettiċi: Kulur: roża lewn is-salamun. Aroma: ħafifa, ta' frott aħmar. Togħma: ta' frott, li toħloq sensazzjoni ta' tagħrix. Karatteristiċi analitiċi: L-inbid għandu kontenut ta' zokkor ta' bejn 5 u 16-il gramma/litru. Il-karatteristiċi ta' hawn taħt li għalihom ma huwa speċifikat l-ebda valur huma konformi mal-limiti stabbiliti fir-Regolamenti tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	10
Aċidità totali minima	63,84 milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f milligrammi għal kull litru)	

9. *Inbid tal-kategorija 15: INBID minn għeneb imqadded, abjad*

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Varjetajiet ta' għeneb: Solaris (B), Chardonnay (B). Proprjetajiet organolettiċi: Kulur: isfar lewn id-deheb. Aroma: ta' frott tropikali misjur, tal-għasel. Togħma: robusta, kremuża, ħelwa bi freskezza robusta. Karatteristiċi analitiċi: L-inbid għandu kontenut ta' zokkor ta' bejn 120 u 240 gramma/litru. Il-karatteristiċi ta' hawn taħt li għalihom ma huwa speċifikat l-ebda valur huma konformi mal-limiti stabbiliti fir-Regolamenti tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	9
Aċidità totali minima	66,5 milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f milligrammi għal kull litru)	

10. *Inbid tal-kategorija 16: INBID minn għeneb misjur iżżejjed, abjad*

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Varjetajiet ta' għeneb: Solaris (B), Chardonnay (B). Proprjetajiet organolettiċi: Kulur: isfar lewn id-deheb. Aroma: ta' frott tropikali misjur, tal-għasel. Togħma: robusta, kremuża, ħelwa bi freskezza robusta. Karatteristiċi analitiċi: L-inbid għandu kontenut ta' zokkor ta' bejn 50 u 120 gramma/litru. Il-karatteristiċi ta' hawn taħt li għalihom ma huwa speċifikat l-ebda valur huma konformi mal-limiti stabbiliti fir-Regolamenti tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f% tal-volum)	12
Aċidità totali minima	73,15 milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f' milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f' milligrammi għal kull litru)	

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**5.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi*

Regoli tal-produzzjoni tal-inbid u

1. *prattika enoloġika speċifika*

Ir-regoli li ġejjin dwar il-produzzjoni tal-inbid japplikaw għall-kategoriji kollha tal-inbid elenkati hawn taħt.

- L-arrikkiment massimu huwa soġġett għar-regoli stipulati fir-Regolament tal-UE, b'arrikkiment addizzjonali possibbli ta' 0,5 % jekk permess għas-sena inkwistjoni mill-awtoritajiet nazzjonali (f'dan il-każ il-Ministeru għall-Agricoltura, in-Natura u l-Kwalità tal-Ikel).
- Id-deaċidifikazzjoni hija soġġetta għal-limiti ddefiniti fir-Regolament tal-UE.
- Għall-aċidifikazzjoni, l-approvazzjoni għandha tinkiseb għal kull sena mill-awtoritajiet nazzjonali (f'dan il-każ il-Ministeru għall-Agricoltura, in-Natura u l-Kwalità tal-Ikel) wara applikazzjoni għas-sena inkwistjoni, u wara dan se japplikaw il-limiti stabbiliti fir-Regolament tal-UE.

2. *Inbid tal-kategorija 1: INBID: inbid aħmar, xott, b'togħma ta' frott jew ħelwa*

Prattika enoloġika speċifika

Fermentazzjoni bil-qoxra għal mill-inqas erbat ijiem

3. *Inbid tal-kategorija 1: INBID: inbid aħmar, imqaddem fil-btieti*

Prattika enoloġika speċifika

Fermentazzjoni bil-qoxra għal mill-inqas erbat ijiem

Tqaddim fi btieti tal-injam għal mill-inqas tmien xhur

4. *Inbid tal-kategorija 1: INBID: inbid abjad, xott, b'togħma ta' frott jew ħelwa*

Prattika enoloġika speċifika

Fermentazzjoni kiesħa f'temperatura taħt it-18 °C (eċċezzjoni: it-temperatura tiżdied fil-bidu tal-fermentazzjoni għall-inbejjed li huma diffiċli li jiġu ffermentati)

5. *Inbid tal-kategorija 1: INBID: inbid abjad, imqaddem fil-btieti*

Prattika enoloġika speċifika

Fermentazzjoni kiesħa f'temperatura taħt it-18 °C (eċċezzjoni: it-temperatura tiżdied fil-bidu tal-fermentazzjoni għall-inbejjed li huma diffiċli li jiġu ffermentati)

Tqaddim fi btieti tal-injam ta' mill-inqas 50 % tal-volum għal minimu ta' tliet xhur

6. Inbid tal-kategorija 1: INBID: inbid rożè, b'togħma qawwija ta' frott

Prattika enoloġika speċifika

Fermentazzjoni kiesħa f'temperatura taħt it-18 °C (eċċezzjoni: it-temperatura tiżdied fil-bidu tal-fermentazzjoni għall-inbejjed li huma diffiċli li jiġu ffermentati)

7. Inbid tal-kategorija 3: INBID LIKUR, aħmar

Prattika enoloġika speċifika

Fermentazzjoni bil-qoxra għal mill-inqas erbat ijiem

Maturazzjoni fi btieti tal-injam għal mill-inqas sena

Żieda ta' alkoħol tal-inbid

8. Inbid tal-kategorija 5: INBID FRIZZANTI TA' KWALITÀ, abjad

Prattika enoloġika speċifika

Il-produzzjoni ta' *blanc de noir* minn għeneb li jagħti nbid aħmar.

Fermentazzjoni kiesħa f'temperatura taħt it-18 °C (eċċezzjoni: it-temperatura tiżdied fil-bidu tal-fermentazzjoni għall-inbejjed li huma diffiċli li jiġu ffermentati)

It-tieni fermentazzjoni fil-flixxun, permezz tal-metodu tradizzjonali

9. Inbid tal-kategorija 9: INBID SEMIFRIZZANTI bil-gass, rożè

Prattika enoloġika speċifika

Fermentazzjoni kiesħa f'temperatura taħt it-18 °C (eċċezzjoni: it-temperatura tiżdied fil-bidu tal-fermentazzjoni għall-inbejjed li huma diffiċli li jiġu ffermentati)

Iż-żieda tad-diossidu tal-karbonju matul l-ibbottiljar (fi pressjoni massima ta' 2,5 bar)

10. Inbid tal-kategorija 15: INBID minn għeneb imqadded, abjad

Prattika enoloġika speċifika

Ħsad tard, għeneb miġbur bl-idejn

Għeneb imqadded b'mod naturali, imbagħad imqadded fuq it-tiben, għal mill-inqas ġimagħtejn

Magħmul fl-inbid b'fermentazzjoni kiesha f'temperatura taħt it-18 °C

11. Inbid tal-kategorija 16: INBID minn għeneb misjur iżżejjed, abjad

Prattika enoloġika speċifika

Ħsad tardiv ta' għeneb b'kontenut ta' zokkor ta' mill-inqas 120 grad Oechsle

Fermentazzjoni kiesħa f'temperatura taħt it-18 °C (eċċezzjoni: it-temperatura tiżdied fil-bidu tal-fermentazzjoni għall-inbejjed li huma diffiċli li jiġu ffermentati)

5.2. Rendimenti massimi għal kull ettaru

1. Aħmar, Regent (N)

50 ettolitr għal kull ettaru

2. Aħmar, Pinotin (N)

50 ettolitr għal kull ettaru

3. Aħmar, Monarch (N)

50 ettolitr għal kull ettaru

4. Aħmar, Acolon (N)

50 ettolitr għal kull ettaru

5. Aħmar, Cabertin (N)
50 ettolitru għal kull ettaru
6. Aħmar, Cabernet Cortis (N)
50 ettolitru għal kull ettaru
7. Abjad, Sauvignier Gris (Rs)
60 ettolitru għal kull ettaru
8. Abjad, Sauvignier Gris (Rs), għeneb imqadded
20 ettolitru għal kull ettaru
9. Abjad, Sauvignier Gris (Rs), għeneb misjur iżżejjed
40 ettolitru għal kull ettaru
10. Abjad, Johanniter (B)
60 ettolitru għal kull ettaru
11. Abjad, Solaris (B)
50 ettolitru għal kull ettaru
12. Abjad, Solaris (B), għeneb imqadded
20 ettolitru għal kull ettaru
13. Abjad, Solaris (B), għeneb misjur iżżejjed
40 ettolitru għal kull ettaru
14. Abjad, Merzling (B)
60 ettolitru għal kull ettaru
15. Aħmar, Cabaret Noir (N)
50 ettolitru għal kull ettaru
16. Abjad, Chardonnay (B)
60 ettolitru għal kull ettaru
17. Abjad, Chardonnay (B), għeneb imqadded
20 ettolitru għal kull ettaru
18. Abjad, Chardonnay (B), għeneb misjur iżżejjed
40 ettolitru għal kull ettaru

6. **Definizzjoni taż-żona demarkata**

Iż-żona ġeografika demarkata tinsab fil-parti tal-Lvant tar-reġjun ta' Achterhoek, li testendi għall-fruntiera mal-Ġermanja, u hija magħluqa bil-fruntieri tal-muniċipalità ta' Winterswijk.

Fiż-żona ta' Achterhoek – Winterswijk, il-vinji koperti minn din id-denominazzjoni ta' oriġini protetta jinkludu ż-żoni li fihom ħamrija kklassifikata bħala HN21, KX u eZE23. Dawn jinkludu wkoll il-ħamrija HN23, ZG23 u ZG21 li fiha l-humus u t-trab ġulgħieni li huma importanti għall-kultivazzjoni tal-għeneb. Meta titqies flimkien, il-ħamrija ta' dawn it-tipi tagħmel parti kbira miż-żona demarkata.

Il-muniċipalità għandha għadd kbir ta' żoni mbiegħda, magħmula minn disa' rħula żgħar, li kollha jiffurmaw parti mill-muniċipalità ta' Winterswijk. L-irħula żgħar, li jidhru fuq in-naħa tal-lemin tal-mappa, huma kif ġej: Meddo (1 448 abitant), Huppel (414-il abitant), Henxel (268 abitant), Ratum (354 abitant), Brinkheurne (272 abitant), Kotten (798 abitant), Woold (861 abitant), Miste (675 abitant) u Corle (281 abitant). Meddo huwa l-uniku wieħed mill-irħula żgħar li għandu ċentru ta' villaġġ b'diversi faċilitajiet.

7. **Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid / jinkisbu l-inbejjed**

Acolon

Cabaret Noir (N) (VB-91-26-4)

Cabernet Cortis

Cabertin (N) (VB-91-26-17)

Chardonnay (B)

Johanniter (B)

Merzling (B)

Monarch

Pinotin (N)

Regent (N)

Solaris

Souvenir Gris

8. Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet

8.1. Żona demarkata

Il-parti l-kbira taż-żona demarkata tinsab fil-Plateau tal-Lvant tan-Netherlands u għandha struttura differenti tal-ħamrija (fiha t-trab ġulgħieni u l-ġir) miż-żoni ta' Achterhoek sal-Punent ta' Winterswijk (fejn il-ħamrija hija magħmula minn tafal tax-xmajjar u depożiti ta' ramel tal-wiċċ).

Iż-żona ta' Winterswijk hija magħrufa għall-pajsaġġ tagħha ta' sġajriet u barriera li fiha fdalijiet fossili. L-istrati ta' Jurassic Lias jistgħu jinstabu fil-wiċċ ta' għadd ta' qigħan tan-nixxigħat f'Winterswijk. Fl-2005, il-Gvern Netherlandiż indika kif xieraq iż-żona ta' Winterswijk bħala ż-Żona ta' Pajsaġġ Nazzjonali ta' Winterswijk, li tkopri kważi 22 000 ettaru b'kollox.

Ħamrija

Winterswijk hija mdawra bil-ħamrija tal-"Plateau tal-Lvant tan-Netherlands", li fiha trab ġulgħieni kif ukoll ġir. Il-ħamrija fil-partijiet l-oħra tar-reġjun ta' Achterhoek hija magħmula minn tafal tax-xmajjar u minn depożiti ta' ramel tal-wiċċ.

Iż-żona demarkata għandha diversi tipi ta' ħamrija, li jalternaw u jingħaqdu ma' xulxin.

It-tipi ta' ħamrija għandhom il-karatteristiċi li ġejjin:

- Saff tajjeb ta' humus.
- Il-ħamrija fiha trab ġulgħieni, li jgħin jagħti lill-inbid il-milja tat-togħma tiegħu u jipprevjeni lill-ħamrija milli tinxf.
- Is-saff tat-trab ġulgħieni (lutum) se jnaqqas ir-rata li biha d-dwieli jinxfu.
- Ħamrija b'wiċċ ramli tiżgura bilanċ tajjeb ta' ilma.
- L-ilma ta' taħt l-art jassorbi l-minerali mis-sottoswol (bħall-ġir li fih), u jipprovdi nutrizzjoni tajba għad-dwieli.

Il-klima u l-ambjent

Iż-żona demarkata ma hijiex 'il bogħod mill-istazzjon tal-Istitut Meteoroloġiku Rjali Netherlandiż f'Hupsel, fejn il-klima medja (2010-2015) għall-istaġun tal-vitikultura minn Mejju sa Settembru kienet:

- Temperatura medja: 15,58 °C
- Temperatura minima medja: 9,93 °C
- Temperatura massima medja: 20,83 °C
- Umdità relattiva medja: 78,36 %
- Xita medja: 78,54 mm fix-xahar
- Il-medja ta' sigħat ta' dawl tax-xemx: 192,93 siegħa kull xahar

Il-fatt li t-temperaturi ta' billejl huma ftit inqas mill-medja nazzjonali jgħin biex l-inbejjed isiru friski u b'togħma tal-frott, filwaqt li t-temperaturi massimi kemxejn ogħla u l-għadd akbar ta' sigħat ta' dawl tax-xemx ifissru li l-għeneb se jkun aktar misjur.

8.2. Rabta kawżali

Il-kwalità tal-inbid hija riżultat tal-kombinazzjoni tal-klima, tal-ħamrija, tal-kultivazzjoni u tal-prattiki enoloġiċi.

Il-kombinazzjoni tas-saffi tal-ħamrija tiżgura bilanċ tajjeb tal-ilma. Is-sottoswol jipprovdi n-nutrijenti tal-ġir u tal-minerali mill-ilma ta' taħt l-art, filwaqt li t-trab ġulġieni u l-humus li jinsabu fil-ħamrija tal-wiċċ jipprovdu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex l-ġheneb jiffjorixxi.

Il-ħamrija li fiha l-humus u t-trab ġulġieni hija l-aktar adattata għall-vitikultura. Din iżżomm sew l-umdità u n-nutrijenti, u b'hekk jippermettu l-aromi tal-ġheneb jiżviluppaw bis-sħiħ u jipproduċu nbid b'palat qawwi u b'saħħtu, anke f'perjodi pjuttost niexfa.

Il-klima (li hija aktar kontinentali) tgħin biex tintlaħaq il-maturità meħtieġa, mingħajr ma jintilfu l-freskezza u t-togħma tal-frott tal-inbid (minħabba t-temperaturi kemxejn aktar baxxi ta' billejl).

L-input mill-bniedem – bħall-ġhażla tal-varjetajiet, il-metodu ta' tkabbir użat (l-użu massimu tad-dawl tax-xemx, it-tnaqqis ta' għenieqed), il-ġestjoni tal-ħsad (il-kontroll tal-livelli taz-zokkor, l-aċidità u l-aromi) u l-prattiki enoloġiċi (il-fermentazzjoni kiesħa, il-maturazzjoni fi btieti tal-injam) – huwa aspett ieħor li, flimkien mal-ħamrija u l-klima, jippermetti li jiġu prodotti nbejjed ta' kwalità. L-inbejjed li jirriżultaw huma nbejjed varjetali u *coupage* rikonossibbli (b'palat qawwi u b'togħma ta' frott), b'inbejjed bojod (frott misjur / aroma taċ-ċitru) / rożè friski u nbejjed ħomor b'tannini rotob.

Fil-qosor, il-kombinazzjoni tal-klima (il-freskezza u l-maturazzjoni), il-ħamrija (it-trab ġulġieni/humus bil-ġir għal bilanċ tajjeb tal-ilma u n-nutrijenti), il-kultivazzjoni (l-ġhażla tal-varjetajiet, id-densità tad-dwieli, il-ġestjoni tal-faxxina, id-deċiżjonijiet dwar il-ħsad) u l-prattiki enoloġiċi (bħal fermentazzjoni kiesħa, l-użu ta' maturazzjoni fil-btieti) tiżgura:

- il-freskezza u t-togħma qawwija, tal-frott tal-inbejjed bojod u rożè;
- it-tannini rotob u t-togħma mimlija tal-inbejjed ħomor.

Din il-kombinazzjoni tapplika għall-kategorija “inbid” iżda anke għall-kategoriji l-oħrajn tal-inbid (“inbid likur”, “inbid frizzanti ta' kwalità”, “inbid semifrizzanti”) li jsiru bl-istess mod u mill-istess ġheneb bħall-inbid tal-Kategorija 1 “Inbid” (“l-inbid ta' bażi”) iżda li għandhom il-karatteristiċi speċifiċi tal-kategorija tagħhom miżjuda magħhom permezz ta' operazzjonijiet addizzjonali matul il-proċess tal-vinifikazzjoni.

Għall-“Inbid minn ġheneb imqadded” u għall-“Inbid minn ġheneb misjur iżżejjed”, il-kombinazzjoni tal-klima, tal-ħamrija, tal-kultivazzjoni u tal-prattiki enoloġiċi hija importanti wkoll. Madankollu, dawn l-inbejjed ta' kwalità għal mal-ħelu jiġu prodotti minn maturazzjoni itwal (kontenut oġhla ta' zokkor) / tnixxif (kontenut oġhla ta' zokkor / konċentrazzjoni ta' aromi) tal-ġheneb.

Dettalji tal-kategoriji l-oħra tal-inbid (mhux “Inbid”)

- Inbid likur

L-inbid likur huwa magħmul minn “inbid ta' bażi” bl-istess karatteristiċi organolettiċi (li jirriżultaw mill-kombinazzjoni tal-ħamrija, tal-klima u tal-azzjoni tal-bniedem) bħall-kategorija “inbid”, iżda bil-kontenut mixtieq ta' zokkor residwali tal-inbid likuri. Barra minn hekk, l-inbid likur jiġi mmaturat fil-btieti għal mill-inqas sena (biex jitħalla jiżviluppa tannini aktar rotob u l-hjuel tal-injam) u jiżdied alkoħol tal-inbid biex l-inbid jinbidel f'likur. L-inbid likur għandu qawwa alkoħolika proprja minima ta' 18 %.

- Inbid frizzanti ta' kwalità

L-“inbid ta' bażi” għall-inbid frizzanti ta' kwalità għandu l-istess karatteristiċi organolettiċi tal-kategorija “inbid” (l-istess freskezza u togħma ta' frott li tirriżulta mill-kombinazzjoni tal-ħamrija, tal-klima u tal-azzjoni tal-bniedem). Dan għandu wkoll il-karatteristiċi li jirriżultaw mit-trasformazzjoni tal-inbid ta' bażi f'inbid frizzanti permezz tal-fermentazzjoni tal-flixxun (il-metodu tradizzjonali), li jagħti lill-inbid il-mousse eleganti tiegħu. L-inbid għandu pressjoni żejda ta' mill-inqas 3,5 bar. Il-*coupage* użata għall-inbid frizzanti ta' kwalità għandha qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum ta' 10,5 %.

- Inbid semifrizzanti bil-gass

L-“inbid ta' bażi” użat għall-inbid semifrizzanti għandu wkoll l-istess karatteristiċi organolettiċi bħall-kategorija tal-“inbid” (l-istess freskezza u togħma ta' frott li jirriżultaw mill-kombinazzjoni tal-ħamrija, tal-klima u tal-azzjoni tal-bniedem). Dan għandu wkoll il-karatteristiċi li jirriżultaw miż-żieda tas-CO₂ biex jinkisbu l-bżieħaq. L-inbid semifrizzanti bil-gass għandu qawwa alkoħolika proprja minima ta' 10 % u pressjoni żejda ta' mhux aktar minn 2,5 bar. Inbid tas-sajf frisk u b'togħma qawwija ta' frott.

— Inbid minn għeneb imqadded (inbid għal mal-ħelu)

Il-pass essenzjali tal-maturazzjoni tal-għeneb għal aktar żmien qabel ma jitnixxef għal mill-inqas ġimagħtejn huwa dak li jagħti lill-inbid minn għeneb imqadded il-konċentrazzjoni tiegħu ta' zokkor u aromi. Il-proċess ta' fermentazzjoni kiesħa jipproduċi nbid b'qawwa alkoħolika proprja minima ta' 9,4 %.

Il-konċentrazzjoni ta' aromi f'dan l-inbid b'toġhma ta' frott ġeġja mill-kombinazzjoni tal-ħamrija, tal-klima u tal-azzjoni tal-bniedem. L-attenzjoni li jagħtuh in-nies li jipproduċuh hija, b'mod partikolari, dak li jagħti lill-inbid għal mal-ħelu t-toġhma sħiħa tiegħu.

— Inbid minn għeneb misjur iżżejjed (inbid għal mal-ħelu)

Minħabba l-pass essenzjali tal-maturazzjoni tal-għeneb għal żmien itwal, l-inbid minn għeneb misjur iżżejjed għandu kontenut ta' zokkor ta' mill-inqas 110 grad Oechsle. Ir-riżultat ta' dan il-proċess, li jinvolvi fermentazzjoni kiesħa mingħajr arrikkiment, huwa nbid b'qawwa alkoħolika proprja minima ta' 12 % li jikseb it-toġhma ta' frott tiegħu mill-kombinazzjoni tal-ħamrija, tal-klima u tal-azzjoni tal-bniedem. L-attenzjoni li jagħtuh in-nies li jipproduċuh hija, b'mod partikolari, dak li jagħti lill-inbid għal mal-ħelu t-toġhma sħiħa tiegħu.

Bħala riżultat ta' dan l-approċċ, l-inbejjed ikomplu jirbħu medalji kull sena f'għadd ta' kompetizzjonijiet li jsiru kemm fin-Netherlands kif ukoll barra mill-pajjiż (pereżempju fi Vjenna).

8.3. Aspetti tal-bniedem (kultivazzjoni u vinifikazzjoni)

Il-proċess ta' kultivazzjoni huwa kkaratterizzat mill-prattiki li ġejjin, speċifikament magħżula għall-produzzjoni ta' nbid ta' kwalità:

— Għażla tal-varjetajiet: Il-varjetajiet magħżula jistgħu jimmaturaw tajjeb fl-ambjent lokali u jipprovdu l-aromi meħtieġa. Dawn jintgħażlu wkoll għar-reżistenza tagħhom, sabiex isiru sforzi biex il-kultivazzjoni ssir aktar sostenibbli.

— Id-densità tad-dwieli: Ir-ringieli jitqassmu 2,00-2,20 m 'il bogħod minn xulxin (biex jiġi żgurati li jkollhom biżżejjed dawl tax-xemx), bl-ispazju bejn id-dwieli jkun 1,00-1,25 m. L-erja għal kull dielja hija għalhekk ta' madwar 2,2 m², u dan jiżgura li kull dielja tikseb biżżejjed nutrijenti (għall-għeneb biex jimmatura u għall-aromi biex jiżviluppaw).

— L-istrixxi bejn ir-ringieli tal-vinji jiġu kkultivati b'mod nadif sabiex is-sħana rilaxxata billejl tinqabad sabiex titħaffef l-maturazzjoni. Dan jgħin ukoll fil-ġlieda kontra l-ġlata ta' billejl. Alternattivament, l-istrixxi jistgħu jinżammu hodur, b'kopertura ta' veġetazzjoni qasira.

— Ir-rimjiet tad-dwieli jiġu miżjuda waqt it-temp tat-tkabbir sabiex jiġi żgurati li n-nutrijenti jidħlu fl-għenieqed.

— Il-kultivazzjoni hija limitata (rendiment massimu kif speċifikat fid-deskrizzjoni tal-inbejjed). L-għenieqed jiġu mraqqqa' meta jkun meħtieġ.

— It-tħarriġ tad-dwieli: Ġie deċiż li jintuża l-metodu Guyot (li fiha id-dwieli jintrabtu mal-wajer tal-irbit kull sena), b'għata ta' weraq wieqfa, li tikber sa għoli ta' madwar 2,20 m (biex tassorbi d-dawl tax-xemx għall-fotosinteżi) u żona miftuħa tal-għeneb ladarba jitneħħew il-weraq (tnixxif aktar mgħaġġel, dawl tax-xemx).

— Waħda mid-deċiżjonijiet ewlenin fil-proċess tal-kultivazzjoni hija meta jinqata' l-għeneb. Id-deċiżjoni tittieħed abbażi ta' monitoraġġ mill-qrib ħafna tal-maturazzjoni tal-għeneb – il-kontenut taz-zokkor, l-aċidità (pH) u l-aromi tagħhom – sabiex jiġi prodott inbid ta' kwalità.

— Il-proċessi li ġejjin użati jaqdu rwol partikolarment importanti fit-tfassil tal-karattru tal-inbejjed prodotti:

— L-inbejjed isiru abbażi ta' speċifikazzjonijiet immirati lejn il-kwalità tal-ħsad (il-kontenut residwu taz-zokkor, l-aċidità, il-kontenut minimu tal-alkoħol, il-maturazzjoni f'kuntatt mal-injam). Kull sena, bord ta' assaġġaturi esperti jiddeċiedi dwar il-kompożizzjoni eżatta ta' kull *coupage* u jekk għandux jitqaddem fil-btieti.

— Fermentazzjoni kiesħa tal-inbejjed bojod u rożè biex isiru friski u jkollhom toġhma ta' frott.

— L-użu ta' btieti tal-injam għat-tqaddim ta' nbejjed ħomor, biex jingħataw toġhma sħiħa b'tannini rotob, bl-inbejjed bojod ikunu soġġetti għal tqaddim parzjali f'kuntatt mal-injam biex jiġi prodott inbid b'palat aktar qawwi.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli (ippakkjar, tikkettar, rekwiżiti addizzjonali)**

—

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

<https://www.rvo.nl/sites/default/files/2017/06/Productdossier-BOB-Achterhoek-Winterswijk.pdf>

Pubblikazzjoni tad-Dokument Uniku emendat wara l-approvazzjoni ta' emenda minuri skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012

(2022/C 203/06)

Il-Kummissjoni Ewropea approvat din l-emenda minuri f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2014 ⁽¹⁾

L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' din l-emenda minuri tista' tiġi kkonsultata fil-bażi tad-*data* eAmbrosia tal-Kummissjoni

DOKUMENT UNIKU

“Patatas de Prades” / “Patates de Prades”

Nru tal-UE: PGI-ES-0232-AM01 – 11.5.2021

DOP () IĠP (X)

1. Isem/Ismijiet

“Patatas de Prades” / “Patates de Prades”

2. Stat Membru jew Pajjiż Terz

Spanja

3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel

3.1. Tip ta' prodott [elenkat fl-Anness XI]

Klassi 1.6. Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati

3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)

Il-prodott li għandu jiġi protett huwa tuberu tal-ispeċi *Solanum tuberosum* L, tal-kultivar Kennebec, maħsub għall-konsum mill-bniedem u b'daqg minn 40 sa 80 mm iżda jilħaq il-100 mm f'każijiet eċċezzjonali.

Il-patata għandha qoxra lixxa ħafna, iebsa u soda. Il-laħma hija bajdanija, b'tiswira soda u b'konsistenza tad-dqiq, b'toġhma ħelwa u persistenti u riħa ħafifa ta' qastan.

3.3. Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)

—

3.4. Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita

L-istadji kollha tal-produzzjoni, mill-kultivazzjoni (li tibda mill-akkwist taż-żerriegħa) sal-preparazzjoni u l-ippakkjar, isiru fiż-żona ġeografika identifikata.

L-istabbiliment tal-għalla:

il-proċess jibda bl-akkwist ta' żerriegħa tal-varjetà “Kennebec”. Il-varjetà għandha rendiment baxx iżda hija ta' kwalità għolja.

Iż-żriġh jibda f'April u ż-żrieragħ jiġu distribwiti fraded. Dawn tal-aħħar imbagħad jitgħattew bil-ħrit, u b'hekk jiffurmaw il-linja li fiha tiżviluppa l-pjanta.

Il-ħsad tal-għalla:

il-ħsad isir bl-idejn u ma jsirx qabel l-aħħar ta' Awwissu jew Settembru peress li normalment il-pjanta tmut b'mod naturali f'Awwissu. Dan isir bl-akbar attenzjoni u jibda ġimagħtejn wara l-mewta naturali tal-pjanta. Dan jippermetti l-qoxra timmatura b'mod adegwat, u b'hekk iżomm il-kwalità tagħha, jagħti aktar protezzjoni kontra impatt possibbli waqt l-ippakkjar u jtejjeb il-kapaċità taż-żamma naturali tal-prodott.

⁽¹⁾ ĠU L 179, 19.6.2014, p. 17.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigh, it-tahkik, l-ippakkjar, eċċ.*

Il-patata koperta mill-IĠP tinbiegħ ippakkjata f'basketijiet tal-karti respirabbli li jesgħu bejn 1 u 5 kg.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

Meta tintbagħat fis-suq, il-patata protetta jrid ikollha tikketta li turi b'mod ċar u obbligatorju l-isem tal-IĠP, il-logo tal-IĠP stess u l-logo tal-IĠP tal-UE. Il-pakketti li fihom tintbagħat il-patata koperta mill-IĠP "Patatas de Prades" irid ikollhom ukoll numru approvat mill-Bord Regulatorju tal-IĠP.

4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Iż-żona tal-produzzjoni tal-patata koperta mill-IĠP "Patates de Prades" tikkonsisti f'art li tinsab fil-muniċipalitajiet ta' Prades, Capafonts, La Febró u Arbolí, li kollha jinsabu fid-distrett ta' Baix Camp, fil-Provinċja ta' Tarragona, fil-Komunità Awtonoma tal-Katalonja.

Iż-żona tal-preparazzjoni u tal-ippakkjar hi l-istess bħaż-żona tal-produzzjoni.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

Rabta storika:

Emili Morera Llauredó li lejn l-aħħar tad-19-il seklju kiteb dwar it-tradizzjoni twila tat-tkabbir tal-patata fiż-żona protetta, attribwixxa l-kwalità tat-tuberi għall-klima lokali u l-altitudni tal-għelieqi fejn jitkabbru.

B'referenza għal Villa de Prades, José Ruy Fernández (1920) kiteb li "l-patata hija l-assi prinċipali ta' għaliex hija l-aħjar u għalhekk l-aktar imfittxija mhux biss fil-Katalonja iżda fi Spanja kollha, kemm minħabba l-eċċellenza tal-prodott bħala oġġett tal-ikel kif ukoll minħabba t-togħma delizzjuża u l-karatteristika tal-konsistenza tad-dqiq, li jfisser li tirrikjedi prezz oġhla mill-kompetituri f'kull suq".

Naturali:

Il-post privileġġat tal-muntanji ta' Prades, b'karatteristiċi ġeografiċi distinti (1 000 metru 'l fuq mil-livell tal-baħar, ħamrija tas-silika ramlija u fertili ħafna b'pH kemxejn aċiduż, f'it xita, temperaturi pjuttost baxxi u rjieħ niedja li jonfħu mill-baħar) għandu impatt pożittiv fuq il-kwalità tat-tuberi. Dawn il-fatturi kollha jfissru li:

Il-pjanta għandha ċiklu itwal ta' tkabbir. Dan jippermetti hsað wieħed biss fis-sena, u b'hekk jiġu prodotti tuberijiet aktar sodi b'perċentwal oġhla ta' materja niexfa.

Il-patata mkabbra fiż-żona tal-Prades għandha qoxra lixxa ħafna u ħielsa mill-malformazzjonijiet, li jiddistingwiha mill-patata tal-istess varjetà mkabbra f'żoni oħra.

It-tuberijiet jinħażnu b'mod naturali, f'imħażen approvati, mingħajr l-użu ta' aġenti kontra t-tinbit jew prodotti li jaffettwaw il-proċess tal-konservazzjoni naturali tal-patata.

Għalhekk, wieħed jikkonkludi li fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-kundizzjonijiet orografiċi (b'mod aktar speċifiku, l-altitudni), il-karatteristiċi tal-ħamrija (fattur ewlieni meta tiġi trattata din it-tip ta' għalla) u l-klima, flimkien mat-tradizzjoni tat-tkabbir tal-patata u l-esperjenza tal-bdiewa kkonċernati, jagħtu l-karatteristiċi ta' "Patatas de Prades" li huma tipiċi għat-tuberijiet ta' kwalità għolja.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott

(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament)

L-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott aġġornata tinsab fuq http://agricultura.gencat.cat/web/.content/al_alimentacio/al02_qualita_t_alimentaria/normativa-dop-igp/plecs-tramit/pliego-condiciones-patates-de-prades-modificacion-menor-es.pdf filwaqt li jkun għaddej il-proċess tal-emenda

u se tiġi ppubblikata fuq

<http://agricultura.gencat.cat/ca/ambits/alimentacio/segells-qualitat-diferenciada/distintius-origen/dop-igp/normativa-dop-igp/plecs-condicions/> ladarba tiġi approvata.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)